KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 12.7.2006
KUMM(2006) 378 finali

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet – Il-ġlieda kontra l-frodi – Rapport annwali 2005

{SEK(2006)911}
{SEK(2006)912}

WERREJ

Introduzzjoni ... 4

1. Riżultat ta' l-approċċ strateġiku globali 2001-2005 għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet ... 5

1.1. Politika leġiżlattiva globali kontra l-frodi ... 5

1.2. Kultura ġdida ta' kooperazzjoni ... 8

1.3. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet ... 9

1.4. It-tisħiħ ta' l-aspett ġudizzjarju penali ... 10

1.5. Konklużjoni ... 12

2. Riżultati tal-ġlieda kontra l-frodi: statistiċi dwar il-frodi u irregolaritajiet oħra rrapportati mill-Istati Membri skond ir-regolamenti settorjali ... 12

2.1. Riżorsi tradizzjonali tagħhom stess ... 14

2.2. L-infiq agrikolu (EAGGF – Taqsima ta' Garanzija) ... 14

2.3. Miżuri strutturali ... 15

2.4. Fondi ta' qabel l-adeżjoni ... 16

3. Miżuri meħuda mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-2005 ... 17

3.1. Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri ... 17

3.1.1. Miżuri orizzontali ġodda ... 17

3.1.2. Miżuri ġodda fil-qasam tar-riżorsi tal-Komunitajiet stess ... 18

3.1.3. Miżuri ġodda fil-qasam ta' l-infiq agrikolu ... 18

3.1.4. Miżuri ġodda fil-qasam ta' l-azzjonijiet strutturali ... 19

3.2. Il-miżuri adottati mill-Kummissjoni fuq il-pjan operazzjonali tal-ġlieda kontra l-frodi ... 19

3.3. Miżuri komplementari għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet ... 20

3.3.1. L-istat ta' ratifika tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u tal-Protokolli tagħha mill-Istati Membri ... 20

3.3.2. Is-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (CIS) u r-ratifika tal-Konvenzjoni dwar l-użu ta' l-informatika fil-qasam tad-dwana u tal-Protokoll tagħha li joħloq bażi tad-data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali (FIDE) ... 21

3.3.3. Il-ftehim ma' Philip Morris International ... 22

4. L-irkupru ... 22

4.1. Il-proċeduri nazzjonali ta' rkupru fil-qafas ta' proċedura ċivili jew amministrattiva 22

4.2. Irkupru mill-istituzzjonijiet 26

4.3. It-“*Task Force* għall-Irkupru” fil-qasam ta’ l-EAGGF – Taqsima ta’ Garanzija 27

4.4. Ir-riforma tas-sistema ta’ kontroll finanzjarju ta’ irregolaritajiet fil-qasam tal-politika agrikola 29

5. Il-proċeduri ta’ ċertifikazzjoni tal-kontijiet 30

5.1. *Roadmap* għal dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni pożittiva 30

5.2. Iċ-ċertifikazzjoni ta’ tmexxija tajba ta’ l-infiq pubbliku fl-Istati Membri 31

INTRODUZZJONI

Il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji u l-ġlieda kontra l-frodi huma qasam ta' responsabbiltà maqsuma bejn il-Komunità u l-Istati Membri. Il-Kummissjoni, ta' kull sena bil-kooperazzjoni ta' l-Istati Membri, tikteb rapport li jippreżenta l-miżuri ġodda meħuda biex jitwettqu dawn l-obbligi, f'konformità ma' l-Artikolu 280 tat-Trattat KE. Dan ir-rapport huwa ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u jiġi ppubblikat.

Fl-**ewwel punt** tar-rapport, il-Kummissjoni tippreżenta **r-riżultat ta' l-approċċ strateġiku globali tagħha fuq ħames snin 2001-2005** għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji. Minkejja d-diversi ostakli misjuba, ir-riżultat globali ta' l-implimentazzjoni ppjanata ta' l-għanijiet u l-azzjonijiet huwa sodisfaċenti.

It-**tieni punt** jiġbor **ir-riżultati ta' l-istatistiċi dwar il-każijiet ta' irregolaritajiet irrapportati** skond ir-regolamenti settorjali.

It-**tielet punt** jinkludi, min-naħa, għażla li turi l-**miżuri meħuda** fl-**2005** mill-Istati Membri, u min-naħa l-oħra, għall-Kummissjoni, l-isforzi magħmula biex tittejjeb l-effikaċja ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda Kontra l-Frodi (OLAF).

Bi ftehim komuni ma' l-Istati Membri, kien maqbul li jiġu ppreżentati żewġ temi speċifiċi mqajma fil-punti 4 u 5 tar-rapport. Ir-**raba' punt** jippreżenta l-miżuri meħuda sabiex **jittejjeb l-irkupru** ta' ammonti mhux miġbura jew imħallsa b'mod mhux ġustifikabbli. Fil-fatt, l-uniku mod biex jittaffew id-danni kkawżati lill-baġit Ewropew mill-frodi u irregolaritajiet oħra huwa billi jiġi żgurat kontroll finanzjarju organizzat.

Il-**ħames u l-aħħar punt** huwa ddedikat għall-kwistjoni taċ-**ċertifikazzjoni tal-kontijiet**. Il-parti l-kbira tal-baġit Ewropew hija mmexxija b'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri. Dan il-punt jinkludi notevolment tqabbil fil-qosor tal-prinċipji u n-normi ta' kontroll u tas-sistemi ta' ċertifikazzjoni (jekk hemm) applikati mill-Istati Membri.

Ir-rapport jagħti biss ġabra qasira u ħarsa ġenerali tal-miżuri meħuda u tar-riżultati miksuba mill-ħamsa u għoxrin Stat Membru. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni ppubblikat żewġ dokumenti ta' ħidma [1], wieħed minnhom fih inventarju tal-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri, u l-ieħor jittratta l-istatistiċi ta' l-irregolaritajiet irrapportati mill-Istati Membri.

Ir-rapporti tas-snin preċedenti, kif ukoll id-dokumenti ta' ħidma tad-dipartimenti tal-Kummissjoni li huma marbuta magħhom, huma disponibbli fuq is-sit ta' l-Internet ta' l-OLAF[2].

[1] "L-inventarju tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri" u "Analiżi statistika ta' l-irregolaritajiet".
[2] http://europa.eu.int/comm/anti_fraud/reports/index_en.html

1. RIŻULTAT TA' L-APPROĊĊ STRATEĠIKU GLOBALI 2001-2005 GĦALL-ĦARSIEN TA' L-INTERESSI FINANZJARJI TAL-KOMUNITAJIET

Il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet għandu jistrieħ fuq kultura ta' kooperazzjoni qawwija bejn il-livell nazzjonali u Komunitarju. Il-Kummissjoni xtaqet twaqqaf approċċ strateġiku globali ta' dan il-ħarsien, li jiġbor l-azzjonijiet kollha li setgħu jikkontribwixxu għal dan il-għan komuni, sabiex tiġi żgurata l-konverġenza ta' l-isforzi ta' l-awtoritajiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet kollha kkonċernati dwar il-prevenzjoni. Dan jinkludi l-attività operazzjonali, il-kontroll finanzjarju, is-sanzjonijiet applikati, il-prevenzjoni u l-preparazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tiġbor dawn l-attivitajiet, sew ta' l-ewwel jew tat-tielet pilastru.

Fl-approċċ strateġiku globali tagħha adottat fit-28 ta' Ġunju 2000[3], li jaqa' taħt il-kumplament ta' l-iskrizzjoni fit-Trattat ta' Amsterdam ta' l-Artikolu 280 tat-Trattat KE (TKE) u tal-ħolqien ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda Kontra l-Frodi (OLAF) fl-1999, il-Kummissjoni stabbilixxiet l-għanijiet politiċi u ġenerali tagħha għall-perjodu 2001-2005. Il-Kummissjoni identifikat erba' assi kbar għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji:

- politika leġiżlattiva globali kontra l-frodi;

- kultura ġdida ta' kooperazzjoni;

- mixja interistituzzjonali ta' prevenzjoni u ta' ġlieda kontra l-korruzzjoni;

- it-tisħiħ ta' l-aspett ġudizzjarju penali.

L-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija globali saret konkreta fil-pjanijiet ta' azzjoni 2001-2003[4] u 2004-2005[5].

1.1. Politika leġiżlattiva globali kontra l-frodi

Il-Kummissjoni ħadmet biex il-politika kontra l-frodi titmexxa minn approċċ leġiżlattiv orizzontali u mal-pilastri kollha, li jintegra s-setturi kollha fejn jistgħu jfeġġu l-frodi u l-korruzzjoni. Il-leġiżlazzjoni kontra l-frodi għandha tipprevedi l-kontroll u l-kooperazzjoni, iżda wkoll il-prevenzjoni u s-sejba.

Fl-2001, hija ħabbret it-twaqqif ta' mekkaniżmu[6] intern fil-Kummissjoni ta' "fraud-proofing" bil-ħsieb li tittejjeb il-kwalità tal-leġiżlazzjoni u tat-tmexxija tal-kuntratti, biex tagħmilhom aktar "reżistenti għall-frodi". Sa mill-2003, grupp interdipartimentali ta' kull sena jidentifika l-inizjattivi leġiżlattivi u abbozzi tal-mudelli ta' kuntratt li jistgħu jkunu ta' riskju kbir għall-interessi finanzjarji Komunitarji. Għal dawn il-proġetti, l-Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda Kontra l-Frodi

---

[3] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet – Il-ġlieda kontra l-frodi – Għal approċċ strateġiku globali, COM(2000) 358 finali.

[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet – Il-ġlieda kontra l-frodi – Pjan ta' azzjoni 2001-2003, COM(2001) 254 finali.

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet – Il-ġlieda kontra l-frodi – Pjan ta' azzjoni 2004-2005, COM(2004)544 finali.

[6] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-*fraud-proofing* tal-leġiżlazzjoni u tat-tmexxija tal-kuntratti tas-7.11.2001, SEC(2001)2029 finali.

huwa kkonsultat mill-bidu nett bil-proċeduri ta' abbozzar. Fil-perjodu 2004-2005, l-Uffiċċju b'kollox eżamina 28 inizjattiva.

Id-daħla ta' l-Euro, matul il-perjodu kollu ta' ppjanar imsemmi, ġiet akkumpanjata minn diversi miżuri meħuda, għall-ġlieda kontra l-iffalsifikar tal-muniti u tal-karti. Il-Kummissjoni żviluppat notevolment qafas ġuridiku ta' azzjoni u ta' intervent, kif ukoll il-qafas speċifiku ta' kooperazzjoni internazzjonali.

F'Komunikazzjoni ta' l-2002[7], li kellha l-iskop notevolment li ttejjeb l-irkupru ta' fondi agrikoli mogħtija mingħajr ġustifikazzjoni qabel l-1999, il-Kummissjoni ħabbret it-twaqqif ta' "Task Force għall-Irkupru" (TFR) sabiex tiċċara s-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' rkupru u sabiex tipprepara deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltà finanzjarja fil-qafas tal-proċedura formali ta' verifika tal-kontijiet fil-qasam ta' l-EAGGF – Taqsima ta' Garanzija (ara l-punt 4.2.).

Ir-regolament finanzjarju l-ġdid [8], li daħal fis-seħħ fl-2003, isaħħaħ b'mod konsiderevoli l-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji:

– Huwa jtejjeb notevolment l-effikaċja ta' l-irkupru.

– Huwa jipprevedi l-bidla minn sistema ta' *cash accounting* għal sistema ta' kontabilità fuq bażi ta' dovuti. Sa mill-2005, il-Kummissjoni għalhekk tirrispetta n-normi internazzjonali l-aktar eżiġenti ta' kontabilità pubblika, ittejjeb it-tmexxija ta' kuljum tal-fondi u tnaqqas għall-minimu r-riskji ta' żbalji jew ta' irregolaritajiet.

– Huwa jipprevedi sistema ta' informazzjoni li tippermetti li jiġu esklużi minn kuntratti pubbliċi, b'deċiżjoni amministrattiva, dawk li jagħmlu l-offerti li għandhom kundanni kriminali u l-kandidati li m'humiex denji ta' fiduċja jew li taw informazzjoni qarrieqa jew falza. Mekkaniżmu simili ġie adottat fid-Direttiva dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri ta' ffirmar ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi[9]. Il-Kummissjoni, fil-qafas tal-Komunikazzjoni tagħha dwar it-trasparenza[10], ħasbet li barra minn hekk tistudja l-possibbiltajiet li tuża s-sistema ta' esklużjoni u għandha l-ħsieb li tagħmel proposti f'dan ir-rigward fil-proposta emendata dwar ir-reviżjoni tar-regolament finanzjarju [11].

---

7 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-titjib ta' l-irkupru ta' djun tal-Komunità b'riżultat tat-tmexxija diretta u t-tmexxija maqsuma tan-nefqiet Komunitarji, COM(2002) 671 finali.

8 Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU L 248 tas-16.9.2002.

9 Id-Direttiva (KE) 2004/18 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, relatata mal-koordinazzjoni tal-proċeduri ta' ffirmar tal-kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, ta' fornituri u ta' servizzi (ĠU L134 tat-30.4.2004) waqqfet sistema ta' informazzjoni li tippermetti li jiġu esklużi mill-kuntratti pubbliċi dawk li jagħmlu offerti li għandhom kundanni kriminali.

10 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-President, is-Sinjura Wallström, is-Sur Kallas, is-Sinjura Hübner u s-Sinjura Fischer Boel li tipproponi l-introduzzjoni ta' inizjattiva Ewropea fil-qasam tat-trasparenza, SEC(2005)1300.

11 Fit-18.5.2006 il-Kummissjoni adottat proposta emendata ta' Regolament tal-Kunsill li temenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, COM (2006) 213 finali.

Fl-2004, il-Kummissjoni adottat proposti ta’ regolamenti li jemendaw ir-regolamenti relatati ma’ l-investigazzjonijiet magħmula mill-OLAF[12]. Dawn il-proposti kellhom l-għan notevolment li jiċċaraw ir-regoli dwar l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-istituzzjonijiet, l-organi u l-organiżmi Komunitarji, u jippermettu lill-Uffiċċju biex jikkonċentra fuq il-prijoritajiet operazzjonali tiegħu u biex iħaffef l-investigazzjonijiet b’mod li tissaħħaħ l-effikaċja tiegħu. Il-proposti jaħsbu wkoll biex isaħħu d-drittijiet proċedurali ta’ persuni li qegħdin taħt investigazzjoni. Wara li saru dawn il-proposti, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill talbu valutazzjoni komplementari dwar ir-rendiment ta’ l-Uffiċċju, li l-Kummissjoni ppreżentat f’Ottubru 2004[13]. Il-Qorti ta’ l-Awdituri pproduċiet rapport speċjali dwar it-tmexxija ta’ l-Uffiċċju[14], flimkien ma’ diversi rakkomandazzjonijiet. F’Lulju 2005[15], il-Parlament Ewropew organizza udjenza pubblika dwar it-tisħiħ ta’ l-OLAF, fejn ġie ddikjarat li l-istruttura operazzjonali ta’ l-Uffiċċju tiffunzjona, liema Uffiċċju huwa independenti fl-investigazzjonijiet tiegħu iżda integrat b’mod amministrattiv mal-Kummissjoni.

Fid-dawl ta’ dawn l-iżviluppi, fl-24 ta’ Mejju 2006 il-Kummissjoni adottat proposta li tkompli l-avvanzi ta’ dik ta’ Frar 2004, li hija tissostitwixxi u li ġiet irtirata. Din il-proposta tittratta, b’mod partikolari, dwar l-awtorità u dwar il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-Kumitat ta’ Sorveljanza permezz tal-laqgħat ta’ dan ta’ l-aħħar ma’ rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fil-qafas ta’ djalogu strutturat. Hija taħseb ukoll għall-ħolqien ta’ kunsillier reviżur, imsejjaħ biex jagħti opinjonijiet f’ċertu numru ta’ każijiet possibbli, u għandha l-ħsieb li tiċċara l-mandat tad-Direttur Ġenerali ta’ l-OLAF.

Avvenimenti tas-sena 2005. Fl-2005, il-Kummissjoni adottat it-tieni rapport tagħha[16] dwar l-applikazzjoni, mill-Istati Membri, tar-regolament tal-“lista s-sewda”[17]. Dan ir-regolament jipprevedi l-identifikazzjoni ta’ operaturi ekonomiċi li jippreżentaw riskju għall-baġit Komunitarju fil-qasam ta’ l-EAGGF – Taqsima ta’ Garanzija, l-informazzjoni tal-Kummissjoni u ta’ l-Istati Membri u l-applikazzjoni ta’ miżuri ta’ prevenzjoni. Ir-rapport jagħti riżultat modest fl-applikazzjoni ta’ dan ir-regolament. Permezz ta’ dan ir-rapport, il-Kummissjoni tixtieq tqajjem dibattitu wiesa’ ma’ l-istituzzjonijiet dwar il-ħtieġa u d-direzzjonijiet possibbli għal riforma eventwali tal-mekkaniżmu ta’ esklużjoni.

---

12 Proposti ta’ regolament li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1073/1999 u (Euratom) Nru 1074/1999 relatati ma’ l-investigazzjonijiet magħmula mill-Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda Kontra l-Frodi (OLAF), COM(2004) 103 u 104.

13 Dokument ta’ ħidma tad-dipartimenti tal-Kummissjoni, Evalwazzjoni komplementari ta’ l-attivitajiet ta’ l-OLAF, SEC(2004)1370. Ara wkoll ir-rapport tal-Kummissjoni, “Evalwazzjoni ta’ l-attivitajiet ta’ l-Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda Kontra l-Frodi, COM(2003) 154 finali.

14 Il-Qorti ta’ l-Awdituri, ir-rapport speċjali 1/2005 relatat mat-tmexxija ta' l-OLAF flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni, ĠU C 202 tat-8.8.2005.

15 L-udjenza tat-12 u t-13 ta’ Lulju 2005 intitolata “It-tisħiħ ta’ l-OLAF: ir-reviżjoni tar-Regolament dwar l-Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda Kontra l-Frodi”.

16 Ir-rapport tal-Kummissjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 1469/95 (Il-Lista s-Sewda), COM(2005) 520.

17 Ir-Regolament (KE) Nru 1469/95 tal-Kunsill tat-22 ta’ Ġunju 1995, relatat mal-miżuri li jridu jittieħdu fir-rigward ta’ benefiċjarji ta’ operazzjonijiet iffinanzjati mill-EAGGF, Taqsima ta’ Garanzija, ĠU L 145 tad-29.6.1995.

1.2. Kultura ġdida ta' kooperazzjoni

Sa mill-2001, il-Kummissjoni għamlet sforzi biex tgħin lill-għaxar Stati Membri ġodda u l-pajjiżi kandidati biex jassimilaw l-*Acquis* Komunitarju fil-qasam tal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji. L-għaxar Stati Membri ġodda, ir-Rumanija u l-Bulgarija ħolqu servizzi nazzjonali ta' koordinazzjoni kontra l-frodi (AFCOS), li huma responsabbli għall-komponenti leġiżlattivi, amministrattivi u operazzjonali kollha tal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet, li nstabu li huma utli ħafna. L-integrazzjoni ta' għaxar Stati Membri ġodda seħħet mingħajr diffikultajiet partikolari, fejn dawn ta' l-aħħar kienu ppreparati b'mod sodisfaċenti għall-ħidma ġdida tagħhom għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji. Sabiex titmexxa aħjar il-proċedura tat-tkabbir fir-Rumanija u fil-Bulgarija, l-OLAF saħħaħ l-attivitajiet tiegħu u l-effikaċja operazzjonali tiegħu billi bagħat uffiċjal ta' kuntatt f'kull wieħed minn dawn iż-żewġ pajjiżi.

Fl-2004, il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha setgħu jiffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni[18] mal-Konfederazzjoni Svizzera, bl-iskop li jiġġieldu kontra l-frodi u kull attività illegali oħra li tista' tolqot l-interessi finanzjarji tagħhom.

Fl-2004 ukoll, il-Kummissjoni pproponiet l-adozzjoni ta' regolament fil-qasam ta' għajnuna amministrattiva reċiproka[19]. Ir-regolament jipprovdi bażi ġuridika dettaljata u għandu karattru orizzontali, billi jkopri s-setturi kollha tal-ġlieda kontra l-frodi Komunitarja li għadhom ma jagħmlux parti minn leġiżlazzjoni settorjali.

Avvenimenti tas-sena 2005. Ċerti tranżazzjonijiet tal-kummerċ internazzjonali li saru bi ksur tar-regoli doganali, inklużi r-regoli relatati mal-proprjetà intellettwali, huma ta' dannu għall-ekonomija u għall-interessi fiskali ta' l-Istati Membri u għad-dħul doganali tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea. Il-kummerċ maċ-Ċina ħoloq ċertu numru ta' problemi matul dawn l-aħħar snin. Ftehim ta' kooperazzjoni, innegozjat u ffirmat fl-2004, u li daħal fis-seħħ fl-2005, għandu l-iskop li jtejjeb l-għajnuna reċiproka fil-qasam tad-dwana bejn il-Komunità u ċ-Ċina. Il-komponent operazzjonali tiegħu huwa mmexxi mill-OLAF.

Infrastruttura teknika permanenti (POCU) għal kooperazzjoni aħjar u appoġġ aħjar għall-operazzjonijiet doganali konġunti ta' l-Istati Membri nfetħet fil-lokalitajiet ta' l-OLAF. Il-POCU se tippermetti l-implimentazzjoni ta' malajr ta' l-operazzjonijiet doganali konġunti b'kooperazzjoni aħjar u b'inqas spejjeż. L-ewwel operazzjoni milqugħa mill-infrastruttura l-ġdida kienet l-operazzjoni "FAKE", li tolqot il-prodotti ffalsifikati li ġejjin miċ-Ċina. Organizzata f'Mejju 2005, hija wasslet għal riżultati sodisfaċenti ħafna (ara l-punt 3.2.).

Ir-regolamenti fil-qasam tal-Fondi Strutturali u tal-Fondi ta' Koeżjoni, li jispeċifikaw l-obbligu għall-Istati Membri biex jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull każ fejn

---

18 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill relatata ma' l-iffirmar tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, għall-ġlieda kontra l-frodi u kull attività illegali oħra li tolqot l-interessi finanzjarji tagħhom, COM(2004)559 finali u ĠU C 244 ta' l-1.10.2004.

19 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għajnuna amministrattiva reċiproka għall-finijiet tal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra l-frodi u kull attività illegali oħra, COM(2004)509 finali.

hemm suspett ta' irregolarità li tmur kontra r-regolamenti settorjali ġew emendati u mmodernizzati[20] sabiex jiżguraw implimentazzjoni armonizzata. L-armonizzazzjoni se titkompla b'emenda tar-regolament applikabbli għall-qasam agrikolu.

L-istatut tal-Kumitat Konsultattiv ta' koordinazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi ġie modifikat fuq deċiżjoni tal-Kummissjoni[21] sabiex ikun adattat għat-tibdil li sar mill-ħolqien tiegħu fl-1994, bħall-inklużjoni ta' l-Artikolu 280 TKE fit-Trattat ta' Amsterdam, il-ħolqien ta' l-OLAF fl-1999, jew ukoll id-dħul ta' l-Euro. Il-Kumitat, magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u tal-Kummissjoni, jgħin lill-Kummissjoni f'kull kwistjoni relatata mal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji.

1.3. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet

F'konformità mal-missjoni li ġiet mogħtija lilu fl-1999 mil-leġiżlatur, l-OLAF kompla fil-ħidmiet tiegħu għal prevenzjoni u għal ġlieda kontra l-korruzzjoni. Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kkonfermat ħafna drabi l-legalità u l-koerenza tal-qafas interistituzzjonali ta' l-investigazzjonijiet interni li japplika b'mod ġenerali għall-istituzzjonijiet, l-organi u l-organiżmi[22].

Il-Protokolli ta' ftehim milħuqa mill-OLAF mas-Servizz tal-Verifika Interna (IAS)[23] fl-2001 u l-Uffiċċju tal-Kummissjoni ta' l-Investigazzjoni u d-Dixxiplina (IDOC) fl-2004 [24] li jiddeskrivu l-oqsma ta' attivitajiet rispettivi tagħhom ippermettew kooperazzjoni produttiva bejn dawn l-entitajiet. Kuntatti spissi bejn l-OLAF u l-IDOC matul is-sena 2005 ippermettew il-koordinazzjoni ta' l-azzjonijiet tagħhom f'każijiet konkreti.

Fil-qafas tar-riforma amministrattiva, ittieħdu miżuri biex l-uffiċjali u l-aġenti tal-Kummissjoni jkunu aktar konxji mill-prinċipji ta' ġestjoni tajba tal-proġetti, tal-kunflitti ta' interessi, kif ukoll tal-passi li jridu jittieħdu fil-każ ta' suspett ta' atti serji ta' min jikkundannahom li jistgħu jkunu ta' dannu għall-interessi tal-Komunitajiet.

---

[20] Ir-Regolament (KE) Nru 2035/2005 tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1681/94 dwar l-irregolaritajiet u l-irkupru ta' ammonti mħallsa bla ġustifikazzjoni fil-qafas tal-finanzjament tal-politiki strutturali kif ukoll l-organizzazzjoni ta' sistema ta' informazzjoni f'dan il-qasam, ĠU L 328 tal-15.12.2005, u r-Regolament (KE) Nru 2168/2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/94 dwar l-irregolaritajiet u l-irkupru ta' ammonti mħallsa bla ġustifikazzjoni fil-qafas tal-finanzjament tal-Fond ta' Koeżjoni kif ukoll l-organizzazzjoni ta' sistema ta' informazzjoni f'dan il-qasam, ĠU L 345 tat-28.12.2005.

[21] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 2005 li temeda d-Deċiżjoni 94/140/KE li twassal għall-ħolqien ta' kumitat konsultattiv għall-koordinazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi, ĠU L 71 tas-17.3.2005.

[22] Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, bid-deċiżjoni tagħha fil-każ C-167/02 P, fit-30 ta' Marzu 2004 ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza T-17/00 tas-26 ta' Frar 2002 li ddikjarat inammissibbli r-rikors ta' 71 Membru tal-Parlament Ewropew. Dan ir-rikors tħabat għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Parlament tat-18 ta' Novembru 1999 – li temenda r-regolament intern tagħha – li kienet tawtorizza lill-OLAF biex jagħmel il-missjoni tiegħu ta' investigazzjonijiet interni fi ħdan il-Parlament Ewropew ukoll. Fl-2003, il-Qorti ddeċidiet fil-każijiet C-11/00 u C-15/00 li l-OLAF seta' jinvestiga fil-każ ta' suspett ta' frodi jew ta' irregolarità fi ħdan il-Bank Ċentrali Ewropew (ECB) u l-Bank Ewropew ta' l-Investiment (EIB) billi r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 kien applikabbli. Il-Qorti annullat ukoll d-deċiżjonijiet ta' l-ECB u ta' l-EIB li tħabtu biex tinżamm il-possibbiltà li jitmexxew investigazzjonijiet bħal dawn fid-dipartimenti interni tagħhom stess.

[23] Il-Protokoll ta' Ftehim OLAF – IAS tal-25.7.2001, SEC(2003) 884/2.

[24] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2004)1588 finali/4 tat-28.4.2004.

Il-proposta tal-Kummissjoni li temenda l-qafas ġuridiku relatat ma' l-investigazzjonijiet magħmula mill-OLAF, adottata fl-24 ta' Mejju 2006, tkopri, notevolment, it-titjib ta' l-informazzjoni ta' l-istituzzjonijiet u l-possibbiltà, fil-qasam ta' investigazzjoni interna, li r-rapport finali ma jiġix mgħoddi lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti sakemm il-fatti ma jkunux serji ħafna, id-dannu finanzjarju huwa minuri u jeżistu miżuri interni li jippermettu kontroll adattat, b'komunikazzjoni lill-istituzzjoni, l-organu jew l-organiżmu kkonċernat.

1.4. It-tisħiħ ta' l-aspett ġudizzjarju penali

Id-diffikultajiet marbuta ma' l-inkompatibbiltà tas-sistemi ġuridiċi nazzjonali u mat-trattament ta' każijiet ġuridiċi kumplessi u ta' sikwit transnazzjonali wasslu lill-Kummissjoni biex tqajjem din ir-raba' sfida fl-approċċ strateġiku globali tagħha.

Fl-2001, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal direttiva relatata mal-ħarsien penali ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità[25]. Din il-proposta taħseb biex terġa' tqajjem fi strument Komunitarju ċerti dispożizzjonijiet ta' liġi penali (notevolment id-definizzjoni ta' mġieba illegali, responsabbiltajiet u sanzjonijiet u l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni) li kienu jinsabu fil-Konvenzjoni relatata mal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet[26] u l-Protokolli tagħha[27].

L-imsemmija Konvenzjoni, l-ewwel Protokoll tagħha u l-Protokoll relatat mal-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja daħlu fis-seħħ fl-2002, u b'hekk ippermettew kooperazzjoni ġudizzjarja dettaljata f'oqsma differenti. Il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Kunsill biex l-Istati Membri jiġu mistiedna biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex isaħħu l-leġiżlazzjoni penali nazzjonali, biex jikkunsidraw mill-ġdid ir-riżervi tagħhom fir-rigward ta' l-istrumenti tal-Konvenzjoni, u biex jirratifikaw it-tieni Protokoll. Il-Kummissjoni fil-fatt qiegħda tipprepara t-tieni rapport[28] dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u tal-Protokolli tagħha li huma diġà fis-seħħ, li għandu jkun adottat fl-aħħar ta' l-2007 u se jkopri l-ħamsa u għoxrin Stat Membru.

Ir-rieda li jidħlu aktar fil-fond fi ħdan l-UE fl-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' għarfien reċiproku, li sar il-bażi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja penali, wasslet għal attività leġiżlattiva mmexxijja fl-oqsma li jaqgħu taħt it-Titlu VI tat-TUE. Din l-attività kellha effetti favorevoli notevolment fuq il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji. Pereżempju, l-adozzjoni ta' deċiżjoni-qafas relatata mal-mandat

---

[25] COM (2001) 272 finali, ĠU C240E tat-28.8.2001, emendata fl-2002 wara l-kummenti tal-Qorti ta' l-Awdituri u tal-Parlament Ewropew, COM (2002) 577 finali.

[26] Il-Konvenzjoni, ippreparata fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, iffirmata fi Brussell fis-26 ta' Lulju 1995, ĠU C 316 tas-27.11.1995.

[27] L-ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU C 313 tat-23.10.1996. Il-Protokoll dwar l-interpretazzjoni, permezz ta' deċiżjoni preliminari, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni relatata mal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU C 151 ta' l-20.5.1997. It-tieni Protokoll tal-Konvenzjoni dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji, Dikjarazzjoni konġunta fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 – Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 7, ĠU C 221 tad-19.7.1997.

[28] Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-Konvenzjoni relatata mal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u tal-Protokolli tagħha, COM(2004) 709.

Ewropew[29] fl-2002 tiffaċilita b'mod konsiderevoli l-arrest ta' persuna u li din tintbagħat minn Stat Membru għal ieħor għall-eżerċizzju ta' proċeduri kriminali jew għall-eżekuzzjoni ta' piena jew ta' miżura ta' ordni ta' detenzjoni.

Il-Protokoll ta' ftehim milħuq mill-OLAF u l-Eurojust fl-2003 jaħseb għall-komunikazzjoni reċiproka ta' l-informazzjoni u l-kooperazzjoni bil-għan li jitħarsu l-interessi finanzjarji Komunitarji. Fl-2004 l-OLAf u l-Eurojust adottaw il-modalitajiet prattiċi ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim. Twaqqaf grupp ta' kuntatt OLAF-Eurojust sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-ftehim. Il-grupp kellu laqgħat regolari matul is-sena 2005. F'dan il-qafas, il-Eurojust ikkoopera ma' l-OLAF u l-awtoritajiet nazzjonali f'ċertu numru ta' każijiet ta' l-OLAF, fejn ipparteċipa fl-investigazzjonijiet u għall-proċeduri marbuta ma' dawn il-każijiet.

Il-ftehim milħuq mill-OLAF u l-Europol fl-2004 jaħseb għat-tisħiħ ta' l-iskambji ta' informazzjoni strateġika u teknika, kif ukoll ta' l-iskambji ta' informazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' theddid u l-analiżi ta' riskji fl-oqsma ta' interess komuni. Fl-2005, il-kollaborazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-Europol ġiet intensifikata l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġlieda kontra l-kuntrabandu, kif ukoll fil-qasam ta' l-iffalsifikar ta' l-Euro. L-Uffiċċju jżomm ukoll kuntatti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Interpol jew l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (WCO).

Fl-2001, il-Kummissjoni adottat *Green Paper*[30] bl-iskop li tagħti bidu għad-dibattitu dwar il-ħolqien ta' Prosekutur Ewropew għall-ġlieda aktar effikaċi kontra l-kriminalità li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej. It-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, adottat mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2004 iżda li għandu m'huwiex ratifikat mill-Istati Membri kollha, jispeċifika, fl-Artikolu III-274 tiegħu li l-Kunsill, b'dikjarazzjoni unanima u wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, jista' jwaqqaf Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew mill-Eurojust biex jiġġieled ir-reati li jolqtu l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni. Dan l-Uffiċċju jkun kompetenti biex ifittex, isegwi u jwassal għas-sentenzi lil min jikkommetti dawn ir-reati u l-kompliċi tagħhom.

Avvenimenti tas-sena 2005. Il-Kummissjoni nnutat, f'komunikazzjoni[31], il-konsegwenzi tad-deċiżjoni ewlenija tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam ta' dispożizzjonijiet penali li jikkonċernaw l-ewwel u t-tielet pilastru[32], notevolment dwar il-proposta għal Direttiva relatata mal-ħarsien penali ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet. F'konformità ma' din id-deċiżjoni, billi r-rikors għal dispożizzjoni penali speċifika fil-materja inkawża huwa neċessarju biex tkun garantita l-effettività tal-liġi Komunitarja, din għandha tiġi adottata b'mod esklussiv fl-ewwel pilastru. Din is-sistema ttemm il-mekkaniżmu ta' test doppju (direttiva jew regolament u deċiżjoni-qafas).

---

29 Id-Deċiżjoni-qafas 2002/584/JAI tal-Kunsill relatata mal-mandat ta' arrest Ewropew u mal-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri, ĠU L190 tat-18.7.2002.

30 Il-*Green Paper* dwar il-ħarsien penali ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji u l-ħolqien ta' Prokuratur Ewropew, COM(2001) 715.

31 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjoni tal-Qorti tat-13.9.2005, COM(2005) 583 finali.

32 Id-Deċiżjoni C-176/03 il-Kummissjoni kontra l-Kunsill.

1.5. Konklużjoni

Ħames snin wara li tnieda l-approċċ strateġiku globali, il-bilanċ ta' l-azzjonijiet imwettqa huwa pożittiv. Kif juri r-rendikont ta' hawn fuq, twettqu progressi sostanzjali f'kull wieħed mill-assi l-kbar tal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet. Madankollu, tnaqqset il-ħidma tat-tisħiħ ta' l-aspett ġudizzjarju penali. Għalhekk, pereżempju, tnaqqset temporanjament il-ħidma ta' l-azzjoni li kellha l-għan li tipprepara t-triq għall-ħolqien ta' Prokuratur Ewropew waqt l-istennija tar-ratifika tat-Trattat Kostituzzjonali.

Fuq it-totalità ta' l-azzjonijiet previsti għall-perjodu kollu ta' programmazzjoni, 75% twettqu kompletament qabel il-31 ta' Diċembru 2005, 9% twettqu parzjalment fiż-żmien previst u għadhom sejrin. 14% tressqu għall-2006 u 10% ġew sospiżi proviżorjament jew b'mod definittiv, l-aktar minħabba ċirkostanzi esterni għall-Kummissjoni.

2. RIŻULTATI TAL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI: STATISTIĊI DWAR IL-FRODI U IRREGOLARITAJIET OĦRA RRAPPORTATI MILL-ISTATI MEMBRI SKOND IR-REGOLAMENTI SETTORJALI

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja tobbliga lill-Istati Membri biex jirrapportaw il-frodi u l-irregolaritajiet l-oħra li jolqtu l-interessi finanzjarji fl-oqsma kollha ta' attività Komunitarja[33]. L-istatistiċi msemmija f'dan il-kapitolu jittrattaw is-suspetti ta' frodi u irregolaritajiet oħra rrapportati mill-Istati Membri, skond kif inhuma definiti mir-regolamenti settorjali. L-infiq dirett Komunitarju m'huwiex imdaħħal[34]. Id-dokument tad-dipartimenti tal-Kummissjoni[35], ippubblikat fl-istess ħin tar-rapport preżenti, jippreżenta analiżi fil-fond ta' statistiċi miksuba fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti. It-tabella li ġejja tiġbor in-numru ta' irregolaritajiet irrapportati fl-2005 kif ukoll l-ammonti kkonċernati għal kull settur[36].

---

33 Ara b'mod partikolari l-Artikolu 3, il-paragrafu 1, tar-Regolamenti (KEE) Nru 595/91 tal-Kunsill ta' l-4 ta' Marzu 1991 (ĠU L67 ta' l-14.3.1991), (KE) Nru 1681/94 tal-Kummissjoni tal-11 ta' Lulju 1994 (ĠU L 178 tat-12.7.1994) u (KE) Nru 1831/94 tal-Kummissjoni tas-26 ta' Lulju 1994 (ĠU L 191 tas-27.7.1994) għas-sezzjoni Infiq, u l-Artikolu 6, il-paragrafu 5, tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2000 (ĠU L 130 tal-31.5.2000) għas-sezzjoni riżorsi tradizzjonali tagħhom stess. Obbligu simili jeżisti għall-pajjiżi li jibbenefikaw mill-fondi ta' qabel l-adeżjoni.

34 Ir-rapport ta' attività operazzjonali ta' l-OLAF jittratta din il-kwistjoni. Dan jista' jiġi kkonsultat fuq l-indirizz ta' l-internet ta' l-Uffiċċju: http://ec.europa.eu/comm/anti_fraud/reports/index_en.html.

35 SEC(2006)…

36 L-istatistiċi msemmija f'dan il-Kapitolu jittrattaw l-infiq li dwaru l-Istati Membri jirrapportaw il-frodi u irregolaritajiet oħra.

Tabella – Numru ta' irregolaritajiet u ammonti – is-sena 2005

TOTAL 2005		
Qasam	**Numru ta' irregolaritajiet irrapportati**	**Total ta' l-impatt finanzjarju (ammonti f'miljuni ta' €)**
Riżorsi tagħhom	4.982	322
EAGGF – Taqsima ta' Garanzija	3.193	102
Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni	3.570	601
Fondi ta' qabel l-adeżjoni	331	17
Total	12.076	1042

Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn frodi u irregolarità. Il-frodi hija definita bħala irregolarità mwettqa intenzjonalment, li tikkostitwixxi reat kriminali li l-imħallef biss huwa awtorizzat li jikkwalifika[37]. L-impatt finanzjarju reali tal-frodi ma jistax jitkejjel ħlief fit-tmiem tal-proċedura ġudizzjarja. Fil-qasam tar-riżorsi tagħhom stess, is-suspetti ta' frodi jirrappreżentaw madwar 20% tal-każijiet ta' irregolaritajiet irrapportati fl-2005, għal ammont totali ta' madwar 95,2 miljun euro. Fil-qasam ta' l-infiq agrikolu, is-suspetti ta' frodi jirrappreżentaw madwar 13% tal-każijiet ta' irregolaritajiet irrapportati, għal ammont totali ta' madwar 21,5 miljun euro, li jikkorrispondi għal 0,05% tat-total tal-fondi EAGGF – Taqsima ta' Garanzija. Għall-Fondi Strutturali, il-frodi tikkonċerna madwar 15% ta' irregolaritajiet irrapportati, għal ammont totali ta' 205 miljun euro, li jikkorrispondi għal madwar 0,53% tat-total tal-krediti tal-Fondi Strutturali u tal-Fond ta' Koeżjoni. Fil-qasam tal-Fondi ta' qabel l-adeżjoni, il-frodi tikkonċerna madwar 18% ta' l-irregolaritajiet irrapportati, għal ammont totali ta' madwar 1,77 miljun euro, li jikkorrispondi għal 0,06% tat-total tal-fondi allokati f'isem il-fondi PHARE[38], SAPARD[39] u ISPA[40]. Din l-istima hija bbażata fuq l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri iżda għandha tkun ikkunsidrata bi prudenza.

---

[37] Ara d-definizzjoni li tidher fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji tas-26 ta' Lulju 1995 (ĠU C Nru 316 tas-27.11.1995).

[38] Polonja-Ungerija: għajnuna għar-rikostruzzjoni ta' l-ekonomiji, ir-Regolament (KE) Nru 3906/89, ĠU L 375 tat-23.12.1989.

[39] SAPARD (l-istrument agrikolu ta' qabel l-adeżjoni), ir-Regolament (KE) Nru 1268/1999, ĠU L 161 tas-26.6.1999.

[40] ISPA (l-istrument strutturali ta' qabel l-adeżjoni), ir-Regolament (KE) Nru 1267/1999, ĠU L 161 tas-26.6.1999.

2.1. Riżorsi tradizzjonali tagħhom stess

In-numru ta' każijiet ta' frodi u ta' irregolaritajiet misjuba u rrapportati (każijiet ta' aktar minn 10 000 Euro) żdied b'55% meta mqabbel ma' l-2004 (4982 każ fl-2005)[41]. L-ammont imniġġes bl-irregolaritajiet huwa ta' madwar 322 miljun euro fl-2005, kontra l-212 miljun euro fl-2004, jiġifieri żieda ta' 52%.

Din iż-żieda tista' notevolment tiġi spjegata b'komunikazzjoni aħjar min-naħa ta' ċerti Stati Membri u bil-fatt li ċerti Stati Membri daħħlu fis-sistema OWNRES każijiet li jikkonċernaw operazzjonijiet ta' tranżitu mhux verifikati, li, għalkemm tard, ġew verifikati wara. Is-sempliċi kostatazzjoni taż-żieda ta' 55% ma tippermettix li wieħed jasal għal ċerti konklużjonijiet dwar is-sitwazzjoni attwali fil-qasam ta' frodi u ta' irregolaritajiet oħra.

Is-sigarretti jibqgħu fost il-prodotti l-aktar milquta mill-irregolaritajiet, fejn il-parti l-kbira ta' każijiet irrapportati kienu jikkonċernaw il-kuntrabandu tagħhom. Fl-2005, in-numru ta' każijiet marbuta mas-settur taz-zokkor żdied ukoll; essenzjalment dan kien jittratta każijiet ta' nuqqas ta' esportazzjoni taz-zokkor li jaqbeż il-kwantità ammessa mis-sistema Komunitarja. Ġiet iddikjarata wkoll żieda fin-numru ta' każijiet marbuta mas-settur tat-tessuti, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mad-dikjarazzjoni ta' l-oriġini.



2.2. L-infiq agrikolu (EAGGF – Taqsima ta' Garanzija)

Fl-2005, in-numru ta' irregolaritajiet irrapportati naqas xi ftit meta mqabbel mas-sena ta' qabel (3193 każ fl-2005, 3401 fl-2004). Min-naħa l-oħra, l-impatt finanzjarju tagħhom żdied (102 miljun euro fl-2005, 82 miljun euro fl-2004), li jirrappreżenta madwar 0,21% tat-total tal-fondi EAGGF – Taqsima ta' Garanzija (47 819 miljun euro għall-2005).

---

41 Iċ-ċifri ppubblikati fir-Rapport 2004 ġew aġġornati.



2.3. Miżuri strutturali

Fl-2005, in-numru ta' irregolaritajiet irrapportati (3570 każ inkluż il-Fond ta' Koeżjoni) żdied meta mqabbel mas-sena ta' qabel (3339 każ ta' irregolaritajiet irrapportati fl-2004), filwaqt li l-impatt finanzjarju tagħhom naqas (601 miljun euro fl-2005, 696 miljun euro fl-2004). L-impatt finanzjarju ta' l-irregolaritajiet irrapportati fl-2005 jirrappreżenta madwar 1,56% tal-fondi tal-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni (38 430 miljun euro) għall-2005. L-impatt finali jkun magħruf biss wara l-għeluq tal-programmi.



2.4. Fondi ta' qabel l-adeżjoni

Twaqqfet sistema ta' notifika ta' irregolaritajiet simili għal dawk tal-Fondi Strutturali permezz tal-ftehimiet pluriannwali ta' finanzjament għall-fondi PHARE, SAPARD u ISPA u għall-fondi allokati lill-Ċipru u Malta[42].

Tabella 2.4.: Każijiet ta' irregolaritajiet u ammonti rrapportati mill-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati[43] li jikkonċernaw il-Fondi ta' qabel l-adeżjoni – is-snin 2002-2005.[44]

Sena	PHARE[45]		SAPARD		ISPA		TOTAL	
	Numru ta' każijiet	Finanzjament UE imniġġes b'irregolarità (1.000 €)	Numru ta' każijiet	Finanzjament UE imniġġes b'irregolarità (1.000 €)	Numru ta' każijiet	Finanzjament UE imniġġes b'irregolarità (1.000 €)	Numru ta' każijiet	Finanzjament UE imniġġes b'irregolarità (1.000 €)
2002	1	21,6	0	0	6	14,9	7	36,5
2003	52	544,1	34	4.121	18	835,9	104	5.501
2004	68	1.845	134	5.533,5	25	251,7	227	7.630,2
2005	139	6.106	167	3.754,4	25	6.938,7	331	16.799,1
Total	**260**	**8.516,7**	**335**	**13.408,9**	**74**	**8.041,2**	**669**	**29966,8**

Il-kwalità tan-notifiki ta' irregolaritajiet tjiebet xi ftit meta mqabbla mas-sena 2004, notevolment f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istima ta' l-ammonti irregolari mill-awtoritajiet nazzjonali. Madankollu, dan l-isforz għandu jinżamm sabiex tkun tista' ssir analiżi aktar fil-fond.

In-numru ta' irregolaritajiet li jikkonċernaw il-fondi PHARE u SAPARD għas-sena 2005 jidher biċ-ċar li huwa aktar min-numru ta' każijiet irrapportati għas-snin ta' qabel. Min-naħa l-oħra, in-numru ta' irregolaritajiet irrapportati għall-ISPA ma nbidilx, u dan jista' jiġi spjegat bil-bidla ta' l-ISPA f'Fondi Strutturali għall-Istati Membri l-ġodda mill-adeżjoni tagħhom fl-2004. L-impatt finanzjarju preżunt ta' l-irregolaritajiet żdied għall-ISPA u l-PHARE, iżda naqas għas-SAPARD. Għall-2005, l-ammont globali ta' l-irregolaritajiet irrapportati jirrappreżenta 16.799.703€, jiġifieri madwar 0,55% ta' l-ammonti globali allokati (3.015,9 miljun €).

42 Ir-Regolament (KE) Nru 555/2000, ĠU L 68 tas-16.3.2000.

43 Il-Bulgarija u r-Rumanija

44 Iċ-ċifri ppubblikati fir-Rapport 2004 ġew aġġornati (l-allokazzjoni tal-każijiet fis-sena ġiet emendata u għaxar każijiet ġodda ġew irrapportati fl-2005 iżda dawn jikkonċernaw is-snin 2002 sa 2004).

45 Din il-kolonna tinkludi r-rapporti pprovduti minn Ċipru u Malta skond ir-Regolament Nru 555/2000.

3. MIŻURI MEĦUDA MILL-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI FL-2005

3.1. Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri

Id-dispożizzjonijiet ippreżentati hawn taħt jikkorrispondu għal għażla illustrattiva. Dokument separat tal-Kummissjoni[46] jippreżenta inventarju tal-miżuri ġodda kollha meħuda matul is-sena 2005 li ġew irrapportati mill-Istati Membri.

3.1.1. Miżuri orizzontali ġodda

L-Istati Membri rrapportaw l-adozzjoni ta' diversi miżuri ta' natura orizzontali, jiġifieri li jikkontribwixxu għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet mingħajr ma jillimitaw ruħhom għal settur partikolari. Dawn il-miżuri huma diversi ħafna, ftit minnhom jikkonċernaw notevolment il-prevenzjoni jew l-irkupru, iżda l-parti l-kbira jolqtu l-aspett penali.

Fil-Greċja, ittieħdu miżuri biex jipprevjenu r-reati tar-regoli li jmexxu l-konklużjoni u l-eżekuzzjoni ta' *kuntratti pubbliċi*, biex jiżguraw it-trasparenza u l-kompetizzjoni b'saħħitha. Waħda mil-liġijiet emendat id-dispożizzjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-*ħasil ta' flus* waqt li kkunsidrat b'mod partikolari l-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji.

Fl-Ungerija, id-dispożizzjonijiet li jmexxu l-*irkupru* tal-fondi Ewropej u tal-fondi ta' l-Istat Ungeriż li huma marbuta magħhom ġew imtejba. Ir-regoli l-ġodda jiffaċilitaw ir-rikors għall-garanziji finanzjarji f'każ ta' użu irregolari tal-fondi. Il-liġi msemmija hija applikabbli b'mod retroattiv u tikkonċerna l-fondi Ewropej kollha – inklużi dawk ta' qabel l-adeżjoni – li għalihom ġew konklużi l-kuntratti ta' finanzjament wara l-1 ta' Jannar 2003, u r-riżorsi tal-Komunitajiet stess.

Liġi Portugiża tispeċifika t-*tneħħija tas-sigriet bankarju* meta jkun hemm prova li ġie kommess *reat fiskali* u li min ikkommetta dawn il-fatti għamel dikjarazzjonijiet foloz.

Fi Franza, wara modifika tal-kodiċi ta' proċedura penali, ir-regoli li jikkonċernaw it-*tieni offiża* japplikaw ukoll għar-reati kommessi minn persuna li kienet ikkundannata qabel mill-qorti ta' Stat Membru ieħor. Dan jippermetti ġlieda aħjar kontra dawk li jikkommettu reati (inklużi dawk li jolqtu l-interessi finanzjarji Komunitarji) li jaġixxu f'diversi Stati Membri.

L-attentat fuq l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej iddaħħal fil-kodiċi penali Slovakk bħala *reat awtonomu*. Dan jista' jkun ikkastigat b'piena minn 6 xhur sa 12-il sena ħabs.

Il-kodiċi penali Latvjan ġie emendat u issa jinkludi reat ġdid: il-*frodi f'sistema ta' trattament awtomatiku ta' fatti*, li jiżdied ma' l-inkriminazzjonijiet l-oħra diġà eżistenti (frodi, frodi għall-assigurazzjoni).

[46] SEC(2006)…L-Istati Membri huma mitluba biex jirrapportaw biss il-miżuri li m'humiex dawk li jimmiraw għal implimentazzjoni pura u sempliċi tal-liġi Komunitarja. Meta wieħed jikkunsidra l-bażi annwali tar-rapport tal-Kummissjoni, in-nuqqas ta' miżuri ġodda meħuda matul is-sena 2005 f'ċerti Stati Membri ma tistax tiġi interpretata bħala immaġini tal-livell ġenerali ta' ħarsien ta' l-interessi finanzjarji fl-Istat Membru kkonċernat. Dan jista' jikkorrispondi, min-naħa l-oħra, għal attività aktar dinamika matul il-perjodu ta' qabel.

3.1.2. Miżuri ġodda fil-qasam tar-riżorsi tal-Komunitajiet stess

Wara r-riforma vasta tal-kodiċi penali Litwan, żewġ reati ġodda ġew imdaħħla fil-kodiċi sabiex jitrażżan il-*kuntrabandu* u *ż-żamma ta' prodotti tal-kuntrabandu* kommessi fil-Litwanja jew f'kull Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni.

Spanja mmodifikat il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-liġi ġenerali dwar it-taxxi, sabiex ittejjeb notevolment l-*irkupru* ta' ammonti li ma jitħallsux mill-importaturi.

L-Italja ħadet miżuri sabiex ittejjeb l-*irkupru* ta' taxxi u ammonti li jridu jitħallsu lill-organiżmi pubbliċi.

Fl-Irlanda, liġi ġdida kabbret b'mod konsiderevoli l-possibbiltà għall-uffiċjali tad-dwana biex *jaqbdu flus issuspettati li huma l-istrument jew il-prodott ta' reat* fuq it-territorju kollu.

Il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT hija qasam essenzjalment immexxi mid-dispożizzjonijiet nazzjonali. Diversi Stati Membri (il-Belġju, il-Latvja, l-Ungerija, is-Slovenja, l-Italja) irrapportaw l-adozzjoni ta' miżuri li għandhom l-iskop li jsaħħu l-ġlieda kontra dan it-tip ta' reat, kemm fuq livell ta' l-inkriminazzjoni jew tal-proċedura legali. Pereżempju, il-Belġju adotta żewġ liġijiet ġodda f'dan il-qasam: liġi li ddaħħal dispożizzjoni bl-iskop li jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' abbuż tal-liġi fil-qasam tal-VAT, u oħra li għandha l-għan li tiġġieled kontra l-organizzazzjoni ta' falliment permezz ta' sospensjoni frawdolenti ta' beni, bħal sospensjoni ta' fond ta' kummerċ mingħajr ma jitħallsu d-djun fiskali fil-materja tal-VAT. L-Irlanda ddikjarat li tkompli żżomm ir-riżerva tagħha fir-rigward ta' l-inklużjoni tal-VAT fir-rapport skond l-Artikolu 280[47].

3.1.3. Miżuri ġodda fil-qasam ta' l-infiq agrikolu

Spanja ddikjarat miżuri ġodda meħuda sabiex ittejjeb is-sistema ta' *kontrolli fuq il-post* fis-setturi tal-ħalib u tal-frott u ħaxix.

Fl-Italja, sensiela ta' miżuri ġew deċiżi sabiex jitjieb l-*irkupru* ta' ammonti mħallsa mingħajr ġustifikazzjoni mill-aġenziji ta' pagament ta' l-EAGGF – Taqsima ta' Garanzija.

Diversi reati ġodda ta' *vjolazzjoni ta' l-obbligi tal-kontijiet* iddaħħlu fil-liġi Ungeriża. Dawn ir-reati ngħataw bidu minn nuqqas ta' rispett tal-proċeduri speċifikati fil-każijiet ta' allokazzjoni ta' għajnuniet agrikoli u jistgħu jiġu kommessi b'mod mhux intenzjonat. F'ċerti każijiet, il-persuni ġuridiċi xorta jistgħu jingħataw pieni kriminali.

Il-Polonja ddikjarat l-adozzjoni ta' *ftehim ta' kooperazzjoni bejn is-servizzi tad-dwana u l-aġenzija tas-suq agrikolu*, bil-ħsieb li tiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni ta' dokumenti u ta' informazzjoni bejn iż-żewġ awtoritajiet.

---

[47] L-Irlanda, kuntrarjament għall-pożizzjoni tal-Kummissjoni, tikkunsidra li "kull miżura li tikkonċerna l-qasam fiskali għandha tiġi meħuda skond l-Artikolu adattat tat-Trattat, jiġifieri unanimament". Bħala riżultat ta' dan, l-Irlanda tkompli żżomm ir-riżerva tagħha fir-rigward ta' l-inklużjoni tal-VAT fir-rapport skond l-Artikolu 280 billi, fil-fehma tagħha, dan m'huwiex l-Artikolu adattat biex jiġu rrapportati l-miżuri ta' ġlieda kontra l-frodi għall-VAT.

Fil-Portugall, żewġ deċiżjonijiet ministerjali jimmodifikaw il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-*kontrolli ta' l-eko-kundizzjonalità*.

3.1.4. *Miżuri ġodda fil-qasam ta' l-azzjonijiet strutturali*

Fl-Estonja, regolament jawtorizza lill-awtoritajiet ta' pagament biex *jissospendu l-pagamenti* meta jkunu mgħarrfa li s-sistema ta' kontroll li hemm fil-post ma tissodisfax ċerti kundizzjonijiet[48]. Regolament ieħor jispeċifika l-informazzjoni tad-dipartiment ta' kontroll finanzjarju tal-Ministeru tal-Finanzi (AFCOS – dipartiment tal-kooperazzjoni ma' l-OLAF) b'kull suspett ta' frodi jew irregolarità oħra fi żmien ġimgħatejn. Din il-miżura, bl-iskop ta' intervent aktar malajr mill-awtoritajiet kompetenti, għandha l-għan li *tipprevjeni l-irregolaritajiet* meta dan ikun għadu possibbli, u li ttejjeb l-*irkupru* meta l-fondi jkunu diġà tħallsu mingħajr ġustifikazzjoni.

Fil-Greċja, deċiżjoni ministerjali[49] tiddetermina l-proċedura ta' *rkupru* ta' fondi mħallsa illegalment jew mingħajr ġustifikazzjoni lil destinatarji finali u li jkunu ġejjin mill-baġit nazzjonali għall-implimentazzjoni ta' programmi ffinanzjati mill-ESF, fil-qafas tat-tielet CSF (Qafas Komunitarju ta' Appoġġ). Id-deċiżjoni għall-proċediment ta' l-irkupru hija meħuda mid-dipartiment speċjali ta' implimentazzjoni tal-kofinanzjament ESF tal-Ministeru tax-Xogħol u s-Sigurtajiet Soċjali, li jaġixxi fil-kapaċità tiegħu ta' benefiċjarju finali tal-programm operazzjonali "promozzjoni tax-xogħol u taħriġ kontinwu".

L-awtoritajiet Litwani ħadu miżuri biex jiżviluppaw u jtejbu s-sistema ta' *analiżi u ta' tmexxija tar-riskji* fil-qasam tal-Fondi Strutturali (il-programmi ta' l-Għan 1) u tal-Fond ta' Koeżjoni, kif ukoll tal-Fondi nazzjonali ta' kofinanzjament.

3.2. Il-miżuri adottati mill-Kummissjoni fuq il-pjan operazzjonali tal-ġlieda kontra l-frodi

Billi l-miżuri meħuda fuq il-pjan politiku u leġiżlattiv kienu ppreżentati fil-punt 1, dan il-kapitolu jara essenzjalment il-miżuri adottati mill-Kummissjoni fuq il-pjan operazzjonali tal-ġlieda kontra l-frodi, notevolment sabiex tissaħħaħ l-effikaċja operazzjonali ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda Kontra l-Frodi (OLAF).

Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri, sar ċertu titjib sabiex ikun razzjonalizzat ix-xogħol ta' kuljum ta' l-Uffiċċju. B'mod partikolari, l-OLAF ħa miżuri biex jevalwa b'mod aktar effiċjenti l-informazzjoni li jirċievi.

Fl-2005, l-OLAF fetaħ 257 każ (inklużi l-każijiet ta' monitoraġġ, li għalihom huwa jiżgura essenzjalment il-kontroll ta' l-investigazzjonijiet immexxija mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri). Huwa għalaq 233 każ, fosthom 133 li kienu allokati għal

---

[48] Notevolment il-kundizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 438/2001 tal-Kummissjoni tat-2 ta' Marzu 2001 li jistabbilixxu l-modalitajiet ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi ta' tmexxija u ta' kontroll ta' għajnuna mogħtija taħt il-Fondi Strutturali, ĠU L/63 tat-3.3.2001, u tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 1995, relatat mal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU L 312 tat-23.12.1995.

[49] Id-Deċiżjoni Ministerjali konġunta Nru 190622/16.12.2005.

kontroll. Il-proporzjon ta' investigazzjonijiet magħluqa li jeħtieġu kontroll ikompli jiżdied, u dan juri titjib fil-kwalità u żieda fl-importanza tal-każijiet investigati mill-OLAF. Barra minn hekk, l-OLAF tejjeb il-kapaċità ta' koordinazzjoni u ta' appoġġ tiegħu fil-qasam ta' għajnuna reċiproka billi organizza "operazzjonijiet doganali b'mezzi loġistiċi" (infrastruttura teknika permanenti – POCU) u tekniki (l-unità virtwali ta' koordinazzjoni ta' operazzjonijiet doganali – V-OCU) li jinsabu fil-postijiet tiegħu stess. Sa min-nofs l-2005, l-Uffiċċju kkoordina żewġ operazzjonijiet doganali konġunti u ta appoġġ loġistiku u/jew tekniku għal erba' operazzjonijiet doganali konġunti oħra organizzati mill-Istati Membri.

3.3. Miżuri komplementari għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet

3.3.1. L-istat ta' ratifika tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej[50] u tal-Protokolli tagħha mill-Istati Membri

Il-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, kif ukoll l-ewwel Protokoll, li jiddefinixxi l-korruzzjoni attiva u passiva, u l-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996 dwar l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, daħlu fis-seħħ fis-17 ta' Ottubru 2002 fl-Istati Membri qodma kollha.

Wara r-ratifika tiegħu mil-Lussemburgu fl-2005, it-tieni Protokoll, li jaħseb għall-possibbiltà li jingħataw pieni kontra persuni ġuridiċi u jkabbar il-medda ta' l-inkriminazzjoni tal-ħasil ta' flus marbuta mal-frodi, issa ġie ratifikat minn tlettax-il Stat Membru qadim. L-Awstrija u l-Italja għadhom ma rratifikawhx. L-Awstrija rrapportat, fost il-miżuri importanti meħuda fl-2005 għall-ħarsien aħjar ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji, l-adozzjoni ta' liġi ġdida li ddaħħal fil-liġi Awstrijaka r-responsabbiltà penali tal-persuni ġuridiċi (ta' liġi ċivili jew pubblika) u ta' l-assoċjazzjonijiet ta' liġi kummerċjali mill-fatt li ġie kommess reat li jolqot l-interessi finanzjarji Komunitarji. Il-proċess ta' ratifika tat-tieni Protokoll għadu għaddej fl-Awstrija.

Wara l-adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri ġodda, il-Litwanja u s-Slovakkja rratifikaw il-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha fl-2004. Fl-2005, Ċipru, l-Estonja u l-Latvja wkoll ippreżentaw l-istrumenti ta' ratifika tagħhom.

Sadanittant, fl-aħħar tas-sena 2005, ħamsa mill-għaxar Stati Membri ġodda (ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja) kienu għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni. Tabella li tiġbor fil-qosor l-istat ta' ratifika tinstab fid-dokument ta' ħidma tad-dipartimenti tal-Kummissjoni ppubblikat fl-istess żmien ta' dan ir-rapport[51].

---

[50] Ara r-referenzi għall-punt 1.4.
[51] SEC(2006)…

3.3.2. *Is-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (CIS) u r-ratifika tal-Konvenzjoni dwar l-użu ta' l-informatika fil-qasam tad-dwana*[52] *u tal-Protokoll tagħha*[53] *li joħloq bażi tad-data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali (FIDE)*

Il-Kummissjoni (OLAF) hija responsabbli għas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (CIS)[54], hija tmexxiha u tipprovdi l-għajnuna teknika adattata.

Is-CIS inħolqot biex tiġbor informazzjoni dwar il-merkanziji, il-mezzi ta' trasport, il-persuni u l-kumpaniji sabiex tikkontribwixxi għall-prevenzjoni, għall-investigazzjonijiet u għall-proċeduri rigward atti kommessi b'vjolazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali u agrikola (l-1 pilastru) u reati serji għal-leġiżlazzjoni nazzjonali (it-3 pilastru). L-għan tagħha huwa li toħloq sistema ta' allarm għall-ġlieda kontra l-frodi u li tippermetti lil Stat Membru li jieħu sehem fis-sistema li jitlob lil Stat Membru ieħor biex jagħmel dawn l-azzjonijiet li ġejjin: osservazzjoni u rendikont, sorveljanza diskreta jew kontrolli speċifiċi.

F'dak li għandu x'jaqsam mat-tielet pilastru, l-Istati Membri jridu jirratifikaw il-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar l-użu ta' l-informatika għall-finijiet doganali biex jaċċedu għas-CIS. F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Istati Membri qodma, il-Konvenzjoni CIS daħlet f'applikazzjoni proviżorja fl-1 ta' Novembru 2000 u daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Diċembru 2005 bit-twettiq tal-proċess ta' ratifika mill-Belġju.

Mill-1 ta' Mejju 2004, l-Istati Membri l-ġodda jistgħu jibbażaw ruħhom fuq l-Artikolu 3, il-paragrafu 4, tat-Trattat ta' Adeżjoni biex jilħqu ftehim dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Konvenzjoni CIS.

Bħala riżultat ta' dan, wara r-ratifika mir-Repubblika Ċeka, l-Estonja u l-Polonja, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Diċembru 2005 kważi fl-Istati Membri kollha. Il-Polonja nnotifikat ir-ratifika tagħha f'Novembru 2005 u l-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ hemmhekk 90 ġurnata aktar tard, jiġifieri fl-2006. Attwalment, Malta hija l-uniku Stat Membru li għadu ma bediex il-proċess ta' ratifika tal-Konvenzjoni.

Il-Kummissjoni (OLAF) hija wkoll responsabbli mill-bażi tad-*data* ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali (FIDE)[55], li tinkludi r-referenzi kollha ta' l-investigazzjonijiet doganali. L-għan ta' din il-bażi tad-*data* huwa triplu: i) li tissemplifika l-iskambju ta' informazzjoni bejn id-dipartimenti Ewropej li qegħdin jinvestigaw l-istess suġġett (persuna jew intrapriża); ii) li tippermetti azzjonijiet

---

52 Il-Konvenzjoni dwar l-użu ta' l-informatika fil-qasam tad-dwana, ippreparata fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ĠU C 316, tas-27.11.1995.

53 L-Att tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2003 li jipprepara protokoll li jemenda, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħolqien ta' bażi tad-data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali, il-Konvenzjoni dwar l-użu ta' l-informatika fil-qasam tad-dwana, ĠU C 139, tat-13.6.2003.

54 Is-CIS hija bbażata, min-naħa, fuq ir-Regolament (KE) Nru 515/97 tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 1997 relatat ma' l-għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u mal-kollaborazzjoni bejn dawn u l-Kummissjoni bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni tajba tar-regoli doganali u agrikoli (ĠU L 82 tat-22.3.1997) u, min-naħa l-oħra, fuq il-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar l-użu ta' l-informatika fil-qasam tad-dwana, ippreparata fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat.

55 Għal informazzjoni aktar dettaljata, ara wkoll is-sit web ta' l-OLAF, http://europa.eu.int/comm/anti_fraud/fide/i_en.html.

koordinati; u iii) li żżid il-kooperazzjoni bejn id-dipartimenti kompetenti Ewropej fil-materja ta' investigazzjoni doganali.

Il-FIDE hija bbażata fuq il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni dwar l-użu ta' l-informatika għall-finijiet doganali. Fl-2005, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Spanja, il-Lussemburgu, l-Olanda u l-Polonja ngħaqdu mas-sitt Stati Membri li kienu diġà rratifikaw il-Protokoll[56], iżda f'dan l-istadju għadu ma daħalx fis-seħħ. Tabella li tiġbor fil-qosor l-istat ta' ratifika tista' tiġi kkonsultata fid-dokument ta' ħidma tad-dipartimenti tal-Kummissjoni ppubblikati fl-istess żmien ta' dan ir-rapport[57].

3.3.3. Il-ftehim ma' Philip Morris International

Fl-2005, disa' Stati Membri (id-Danimarka, l-Irlanda, Ċipru, il-Litwanja, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja, u s-Slovakkja) ingħaqdu fil-ftehim iffirmat fl-2004 bejn il-Kummissjoni, disa' Stati Membri[58] u l-manifattur tas-sigarretti Philip Morris International. Il-ftehim jaħseb għal sistema effikaċi għall-ġlieda kontra l-kuntrabandu u l-iffalsifikar ta' sigarretti. Huwa jtejjeb l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-qabdiet ta' konsenji suspettużi ta' sigarretti (li jkollhom il-marka Philip Morris) u l-kuntatti regolari dwar operazzjonijiet li jsiru taħt dan il-ftehim.

4. L-IRKUPRU

Fil-qasam ta' l-infiq Komunitarju, l-irkupru jikkonsisti fl-irkupru ta' fondi li tħallsu mingħajr ġustifikazzjoni wara żbalji, irregolaritajiet (formali jew sostanzjali) jew, iżda aktar rarament, frodi. Huwa jikkontribwixxi biex jirrimedja, jekk ikun possibbli, id-dannu kkawżat lill-interessi finanzjarji Komunitarji. Dan il-kapitolu għandu l-għan li jippreżenta – b'mod skematiku ħafna – ċerti karatteristiċi ta' proċeduri differenti ta' rkupru li jeżistu fl-Istati Membri, u biex jagħti ftit informazzjoni dwar ir-riżultati prinċipali tal-ħidmiet tat-"*Task Force* għall-Irkupru" agrikola, maħluqa biex tanalizza x-xogħol lura importanti ta' fajls ta' rkupru ta' qabel l-1999.

4.1. Il-proċeduri nazzjonali ta' rkupru fil-qafas ta' proċedura ċivili jew amministrattiva

Fl-oqsma ta' l-infiq indirett, jiġifieri l-fondi mmexxija mill-Istati Membri f'isem il-Komunitajiet, essenzjalment il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni, kif ukoll l-EAGGF – Taqsima ta' Garanzija, l-Istati Membri huma responsabbli għall-irkupru. Huma jridu jiġbru l-ammonti li jridu jiġu rkuprati mill-benefiċjarji finali u jgħaddu dawn il-fondi lill-Kummissjoni.

Ġie miftiehem ma' l-Istati Membri biex isir rapport fuq ir-regoli li jmexxu l-proċeduri amministrattivi u ċivili ta' rkupru. Din l-informazzjoni nġabret mill-Kummissjoni permezz ta' kwestjonarju. It-tweġibiet ta' l-Istati Membri pprovdew

56 Ċipru, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Litwanja, is-Slovenja u s-Slovakkja.
57 SEC (2006)…
58 Il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall u l-Finlandja.

lill-Kummissjoni viżjoni globali tal-proċeduri nazzjonali ta' rkupru u l-ostakli ġuridiċi u amministrattivi (temporanji jew definittivi) li jistgħu jopponuhom.

Aktar dettalji dwar il-proċeduri ta' rkupru ta' kull Stat Membru huma disponibbli fid-dokument ta' ħidma tad-dipartimenti tal-Kummissjoni ppubblikat fl-istess żmien ta' dan ir-rapport[59]. Il-preżentazzjoni ta' hawn taħt hija biss ġabra qasira.

Ostakli għall-irkupru. Irregolarità attribwita lill-amministrazzjoni – "fiduċja leġittima". Fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri[60], il-liġi interna tispeċifika li meta l-irkupru huwa eżerċitat kontra debitur li jkun aġixxa bi skop tajjeb f'konformità ma' l-istruzzjonijiet mogħtija minn awtorità amministrattiva li kellha żball, dan jista' jinvoka l-"fiduċja leġittima" li huwa kellu f'dawn l-istruzzjonijiet biex jopponi l-irkupru. Fi Stat Membru[61], anke jekk il-kunċett ta' fiduċja leġittima ma jeżistix, id-debitur jista' jinvoka l-fatt li jkun aġixxa bi skop tajjeb. Il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri jirrapportaw li din l-eċċezzjoni tista tiġi invokata biss meta jinħarġu struzzjonijiet żbaljati mill-amministrazzjoni[62] li d-debitur ikun segwa bi skop tajjeb[63]. Ċerti Stati Membri jniżżlu wkoll kundizzjonijiet oħra, bħal pereżempju, in-nuqqas ta' raġunijiet serji biex jiġi rtirat il-benefiċċju mogħti[64], l-użu tal-fondi b'mod konformi ma' dak li kien speċifikat[65], il-fatt li d-debitur diġà adatta s-sitwazzjoni tiegħu għall-pussess tas-somma li trid tiġi rkuprata (investiha)[66], jew ukoll l-azzjoni ta' uffiċċjal pubbliku li jista' jiġi identifikat u li hu responsabbli li ħoloq is-sitwazzjoni ta' fiduċja li fiha jsib ruħu d-debitur[67]. Erba' Stati Membri biss[68] irrapportaw il-possibbiltà li tiġi invokata l-fiduċja leġittima f'każ ta' negliġenza serja jew intenzjonata; għalhekk huwa l-imħallef li jrid jevalwa l-possibbiltà li tingħata din l-eċċezzjoni skond iċ-ċirkostanzi ta' fatti. Fil-parti l-kbira tas-sistemi ġuridiċi li ma jafux il-kunċett ta' fiduċja leġittima, id-debitur għandu l-possibbiltà li jeżerċita azzjoni bħala kumpens kontra l-amministrazzjoni li tat struzzjonijiet żbaljati[69].

Terza persuna bi skop tajjeb. Ta' sikwit, is-sistemi ġuridiċi nazzjonali jammettu li terza persuna bi skop tajjeb li ssofri dannu minħabba l-irkupru, tista' topponi taħt ċerti kundizzjonijiet[70]. Fl-Istati Membri fejn din il-liġi ma teżistix, il-persuni terzi

59 SEC(2006)

60 Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, l-Awstrija, il-Portugall, il-Finlandja u l-Isvezja. Fil-Polonja: fil-qasam fiskali. Fir-Renju Unit: fil-qasam agrikolu.

61 Slovakkja.

62 Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, Franza, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, l-Awstrija u l-Polonja.

63 Il-Ġermanja, l-Estonja, Ċipru, l-Italja, l-Awstrija, il-Portugall, l-Isvezja u r-Renju Unit. Fi Franza u fil-Finlandja, il-liġi u l-ġurisprudenza jmorru lil hinn minn sempliċi fiduċja u jeżiġu li d-debitur ma jkunx jista' jipprevedi t-tibdil ta' sitwazzjoni.

64 Il-Belġju.

65 L-Awstrija.

66 L-Isvezja.

67 Il-Portugall. Sadanittant, il-liġi Portugiża ma teżiġix li l-kundizzjonijiet kollha jkunu miġbura, meta wieħed mill-elementi li jikkostitwixxu l-fiduċja leġittima jkun partikularment b'saħħtu, billi dan jista' jikkumpensa għan-nuqqas ta' kundizzjoni oħra.

68 Id-Danimarka, Ċipru, il-Polonja u l-Isvezja.

69 Ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Olanda u s-Slovakkja.

70 Fl-Isvezja, m'huwiex possibbli li dejn jiġi rkuprat minn terza persuna bi skop tajjeb. Fi Franza, fl-Italja, fil-Finlandja, fl-Iskozja u fis-Slovenja, il-persuni terzi bi skop tajjeb jistgħu jopponu għall-irkupru meta dan ikun ta' dannu għalihom iżda taħt ċerti kundizzjonijiet. Fi Spanja, huma jistgħu jagħmlu dan meta

jiddisponu minn azzjoni ta' danni u interessi kontra l-persuna li kkawżatilhom id-dannu, li kultant tista' tkun l-amministrazzjoni li pprovdiet struzzjonijiet żbaljati.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-kunċetti ta' fiduċja leġittima u ta' terzi persuni bi skop tajjeb, jaqbel li jkun enfasizzat li meta jirrigwarda l-irkupru ta' ammonti mħallsa mingħajr ġustifikazzjoni mill-Komunitajiet, l-Istati Membri għandhom jinterpretawhom f'konformità mal-liġi Komunitarja, bħalma jirriżulta notevolment mil-liġi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Koordinazzjoni tal-proċeduri ta' rkupru. F'każ ta' kofinanzjamenti multipli, in-nuqqas ta' sistema ta' koordinazzjoni tal-proċeduri ta' rkupru bejn l-awtoritajiet jista' jikkostitwixxi ostaklu serju għall-irkupru ta' fondi. Seba' Stati Membri[71] indikaw li waqqfu mekkaniżmu ta' koordinazzjoni ta' l-irkupru u l-awtoritajiet għandhom il-possibbiltà li jikkooperaw każ b'każ fi tnejn oħra[72]. Fid-Danimarka, awtorità amministrattiva waħda hija responsabbli għall-irkupru tad-djun kollha miġbura jew irkuprati mill-awtoritajiet ta' l-istat. Barra minn hekk, żewġ Stati Membri rrapportaw li l-iskambju ta' informazzjoni huwa possibbli bil-konsultazzjoni ta' bażijiet tad-*data* differenti[73].

Proċedura amministrattiva ta' rkupru. Fil-25 Stat Membru, il-proċedura amministrattiva ta' rkupru titmexxa b'mod differenti ħafna. Wara t-twaqqif ta' dejn matul proċedura amministrattiva ta' rkupru, l-ewwel pass jikkonsisti b'mod ġenerali f'talba lill-benefiċjarju biex iħallas l-ammont li rċieva mingħajr ġustifikazzjoni. L-isem użat biex tkun indikata din il-miżura amministrattiva ivarja b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor. Kemm jekk taħt forma ta' nota ta' debitu, ta' deċiżjoni ta' rkupru ppubblikata mill-organu amministrattiv, ta' nota ta' tfakkir, ta' fattura jew ta' stedina biex iħallas, kull Stat għandu l-proċedura amministrattiva tiegħu stess biex iħeġġeġ il-benefiċjarju **jrodd lura volontarjament** qabel ma jittieħdu miżuri ta' infurzar. F'xi Stati Membri[74], il-liġi tipprevedi li l-benefiċjarju jiġi mismugħ qabel ma tinbeda kwalunkwe azzjoni ta' rkupru.

Meta d-debitur huwa mistieden biex iħallas volontarjament, ġeneralment huwa jiddisponi minn **perjodu ta' żmien** biex iħallas is-somma dovuta. Dan il-perjodu jista' jkun iffissat mil-liġi, minn deċiżjoni amministrattiva ta' l-awtorità kompetenti, jew mill-prassi amministrattiva. Il-perjodu medju għall-ħlas volontarju huwa ta' madwar 30 ġurnata (il-perjodi rrapportati mill-Istati Membri jvarjaw minn 15-il ġurnata għal xahrejn), anke jekk ċerti sistemi ġuridiċi ma jispeċifikawx perjodu preċiż. Franza u l-Finlandja jirreferu għal "perjodu ta' żmien raġonevoli".

Kważi l-Istati Membri kollha rrapportaw li **miżuri ta' infurzar** amministrattivi jittieħdu meta d-debitur ma jħallasx volontarjament fil-perjodu ta' żmien. Dawn il-

jkunu injoraw il-liġi Komunitarja billi din kienet għadha ma ġietx adottata fil-liġi Spanjola. Fil-Belġju, huma jistgħu jopponu l-irkupru fil-qasam agrikolu. Fil-Polonja u fis-Slovakkja, huma jistgħu jagħmlu dan notevolment meta huma għandhom drittijiet fuq beni li jridu jinqabdu. Fil-liġi Awstrijaka, l-ammont irkuprat jista' jitnaqqas meta jeħtieġ titħares terza persuna bi skop tajjeb (eż. għas-salarji mħallsa).

71 Il-Belġju (ir-Reġjun tal-Vallonja), l-Estonja, il-Greċja, il-Latvja (fil-qasam tal-Fondi Strutturali), l-Awstrija u l-Polonja (fil-qasam agrikolu), is-Slovakkja.

72 Ċipru u r-Renju Unit.

73 Il-Finlandja u r-Renju Unit.

74 Il-Greċja, il-Portugall u l-Finlandja.

miżuri jistgħu jieħdu forom differenti u għandhom ismijiet differenti fil-25 Stat Membru. Ordni ta' rkupru, ordni finali ta' ħlas, twissija għal ħlas u ordni eżekutorju huma t-termini l-aktar frekwenti. Ġeneralment il-perjodu ta' żmien mogħti għan-notifika formali huwa ta' xahar, għalkemm ċerti Stati Membri jagħtu perjodi iqsar. Dan il-perjodu ta' żmien huwa ġeneralment iffissat mil-liġi, iżda kultant ikun determinat każ b'każ[75].

Eżekuzzjoni furzata. Meta d-debitur ma jħallasx, hemm żewġ possibbiltajiet: jistgħu jittieħdu miżuri eżekutorji fuq il-bażi ta' deċiżjoni ta' ġustizzja jew bażi legali oħra. Fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri, miżuri bħal dawn jistgħu jiġu deċiżi mingħajr l-intervent ta' l-imħallef, b'mod partikolari fil-qasam fiskali. F'dan il-każ, l-awtorità kompetenti għall-irkupru hija ġeneralment l-awtorità finanzjarja jew fiskali. Ħafna drabi, il-miżuri ta' infurzar jistgħu jinkisbu permezz ta' ordni tal-ġurisdizzjoni kompetenti (tribunal amministrattiv[76] jew ċivili[77]).

Proċedura kontroversjali amministrattiva. Wara li jingħata bidu għal azzjoni ġurisdizzjonali bi ħsieb ta' l-eżekuzzjoni furzata, id-debitur jista' jippreżenta **rikors quddiem ġurisdizzjoni** kontra l-ordni ta' rkupru. Kważi fl-Istati Membri kollha, il-qorti kompetenti hija t-tribunal amministrattiv. F'xi Stati Membri biss, id-debitur irid iqabbad ġurisdizzjoni ċivili[78].

Jekk id-debitur jaħseb li d-deċiżjoni ta' din il-qorti mhix favorevoli biżżejjed għalih, jista' jiddeċiedi li **jappella**. L-appell għandu effett li jissospendi l-eżekuzzjoni ta' l-ordni ta' rkupru f'ċerti sistemi ġuridiċi[79]. F'ċerti Stati Membri, l-imħallef jista' jordna s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni biss fuq talba espliċita tad-debitur[80].

Waqt il-proċedura quddiem il-qorti, jistgħu jittieħdu **miżuri proviżorji u ta' salvagwardja** mill-imħallef biex jiżgura l-effettività ta' l-irkupru wara s-sentenza finali. Dawn il-miżuri jinkludu notevolment il-qbid protettiv, ir-reġistrazzjoni ta' ipoteka, il-garanzija bankarja, l-interdett ta' ċerti azzjonijiet fuq il-patrimonju tad-debitur, il-konfiska, biex insemmu xi eżempji.

Privileġġi ta' kredituri pubbliċi. Ċerti kredituri pubbliċi, notevolment il-kredituri fiskali jew doganali, jistgħu jibbenefikaw minn privileġġi partikolari[81] - notevolment matul proċedura kollettiva – li tippermetti lit-titular tagħhom biex jikseb sodisfazzjon anke jekk id-djun kollha jaqbżu l-valur tal-patrimonju. Wara l-analiżi tal-kontributi ta' l-Istati Membri, il-kredituri pubbliċi marbuta ma' għajnuniet (nazzjonali jew Komunitarji) ma jibbenefikawx minn privileġġi u huma ttrattati bl-istess mod bħal kredituri oħra, sakemm ma jkunux previsti garanziji kuntrattwali.

---

75 L-Irlanda, l-Ungerija u l-Finlandja.

76 L-Estonja, il-Greċja, l-Olanda, il-Portugall u l-Finlandja.

77 Ir-Repubblika Ċeka, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Isvezja.

78 Il-Belġju, Spanja, l-Irlanda, l-Italja u l-Awstrija (f'ċerti każijiet).

79 Il-Belġju, il-Ġermanja, Ċipru, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, l-Awstrija, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit. Mingħajr effett ta' sospensjoni: ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovakkja.

80 Spanja, il-Greċja, il-Lussemburgu, ir-Repubblika Ċeka

81 Diversi Stati Membri indikaw li l-krediti fiskali jew doganali jibbenefikaw minn privileġġ: ir-Repubblika Ċeka, Spanja, Franza, l-Irlanda, Ċipru, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Olanda, is-Slovakkja.

Irkupru permezz ta' kumpens. Il-kumpens – li d-definizzjoni tiegħu tvarja minn sistema ġuridika għall-oħra – huwa kkunsidrat ġeneralment bħala t-tmiem ta' żewġ obbligi ta' flus reċiproċi. Huwa jikkostitwixxi mezz effikaċi ħafna biex ikunu rkuprati flejjes pubbliċi, bil-kundizzjoni li r-regoli ġuridiċi nazzjonali jippermettuh u li d-debitur għandu kreditu jew fondi (jew taħlita tat-tnejn) għall-awtoritajiet pubbliċi li jaċċettaw il-kumpens.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-**fondi pubbliċi ta' l-Istati Membri** b'mod ġenerali, ħlief għal żewġ eċċezzjonijiet[82], is-sistemi ġuridiċi kollha jafu bil-mekkaniżmu tal-kumpens, anke jekk id-definizzjoni tiegħu u l-ambitu ta' applikazzjoni tiegħu jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor. Il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri jiddikjaraw li japplikaw il-kumpens għall-fondi pubbliċi kollha, fl-oqsma jew is-setturi kollha flimkien[83]. Oħrajn jagħmlu użu mill-kumpens bejn fondi pubbliċi ta' l-istess qasam jew settur[84]. F'ċerti Stati Membri, dan il-mekkaniżmu jista' jintuża biss għall-irkupru f'materja fiskali[85].

F'dak li għandu x'jaqsam mal-**fondi Komunitarji**, l-Istati Membri kollha ħlief għal tnejn[86] jiddikjaraw li jużaw il-kumpens meta dan ikun possibbli biex iħaffu l-irkupru. Fil-fatt, jeżistu differenzi sostanzjali fil-mod kif dan jiġi applikat. Kultant, ikun possibbli, pereżempju, li jiġu ttrattati d-djun u l-krediti li seħħew fil-qafas ta' l-istess programm jew proġett[87] jew li jikkonċernaw l-istess aġenzija ta' ħlas[88] jew li huma mmexxija mill-istess awtorità[89]. F'ċerti Stati Membri, il-kumpens japplika b'mod aktar wiesa', pereżempju bejn id-djun u l-krediti ta' aġenziji ta' ħlas li stabbilixxew mekkaniżmu ta' koordinazzjoni[90]. Żewġ Stati Membri[91] indikaw li kien possibbli li jkun irkuprat kreditu fiskali minn Fond Komunitarju, iżda m'hemmx informazzjoni dettaljata dwar dan is-suġġett.

4.2. Irkupru mill-istituzzjonijiet

Fl-oqsma fejn il-fondi jitmexxew direttament mill-istituzzjonijiet, l-irkupru ta' fondi mħallsa mingħajr ġustifikazzjoni jsir direttament minn dawn ta' l-aħħar, mingħajr l-intervent ta' l-Istati Membri.

Ir-regolament finanzjarju u l-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tiegħu jispeċifikaw l-istadji differenti tal-proċedura ta' rkupru: previżjoni u dikjarazzjoni tad-dejn mill-uffiċjal bil-poter li jawtorizza pagament (filwaqt li jkun żgurat il-karattru stabbilit, likwidu u pagabbli tiegħu), twaqqif ta' ordni ta' rkupru (struzzjoni mill-uffiċjal bil-poter li jawtorizza pagament lill-*accountant* biex jipproċedi bl-irkupru) segwit minn nota ta' debitu indirizzata lid-debitur, u fl-aħħarnett irkupru mill-*accountant*. Għal dan il-għan, l-*accountant* jipproċedi jekk hu possibbli għall-irkupru permezz ta' kumpens

82 Malta u l-Litwanja.
83 Id-Danimarka, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Ungerija, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja u s-Slovakkja.
84 Il-Latvja, il-Finlandja u r-Renju Unit.
85 Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Olanda u l-Isvezja.
86 Malta u l-Litwanja, fejn dan il-mekkaniżmu ma jeżistix għal kollox.
87 Id-Danimarka (għall-Fond Soċjali), l-Estonja, il-Portugall.
88 Il-Belġju, l-Awstrija u l-Finlandja.
89 Ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, il-Latvja, l-Olanda.
90 Franza, l-Italja, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja.
91 Id-Danimarka (għall-qasam agrikolu) u l-Ungerija.

fir-rigward ta' kull debitur li hu nnifsu huwa titular ta' dejn stabbilit, likwidu u pagabbli fir-rigward tal-Komunitajiet.

Jista' jingħata perjodu ta' żmien supplementari lid-debitur għall-pagament fuq talba bil-miktub b'raġuni ġustifikata, bil-kundizzjoni li dan ta' l-aħħar jintrabat li jħallas l-interessi u jagħmel garanzija finanzjarja.

Jekk, wara li jintbagħtu l-ittri ta' tfakkir u ta' notifika formali, id-debitur ma jkunx ħeles mid-dejn tiegħu u jekk l-*accountant* ma setax jirkupra d-dejn permezz ta' kumpens jew permezz ta' appell għal garanzija bankarja magħmula mid-debitur, l-uffiċjal bil-poter li jawtorizza pagament jiddetermina, mingħajr dewmien, il-mezz ta' rkupru furzat applikabbli għad-dejn.

Jeżistu żewġ mezzi possibbli, esklussivi reċiprokament, bl-iskop li jinkiseb dokument eżekutorju li jippermetti miżuri ta' eżekuzzjoni fuq il-patrimonju tad-debitur:

– l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tifforma dokument eżekutorju skond l-Artikolu 256 KE (f'dan il-każ, l-istituzzjoni tifformalizza d-dikjarazzjoni tad-dejn f'deċiżjoni li tifforma dokument eżekutorju),

– il-kisba ta' dokument b'mezz ġudizzjarju quddiem il-ġurisdizzjonijiet nazzjonali jew Komunitarji.

L-uffiċjal bil-poter li jawtorizza pagament m'għandux id-dritt li jagħżel bejn dawn iż-żewġ mezzi. Meta d-dejn tal-Kummissjoni jidħol fl-ambitu ta' applikazzjoni tad-deċiżjoni eżekutorja skond l-Artikolu 256 KE (sussidji li jirrispondu għal ċerti kriterji), l-irkupru jrid bilfors isir b'deċiżjoni bħal din. F'dan il-każ, il-perjodu ta' żmien mill-mument tad-dikjarazzjoni tad-dejn u l-irkupru effettiv jista' jitnaqqas konsiderevolment.

4.3. It-"*Task Force* għall-Irkupru" fil-qasam ta' l-EAGGF – Taqsima ta' Garanzija

Fl-2002[92], il-Kummissjoni ħabbret it-twaqqif ta' "*Task Force* għall-Irkupru" (TFR) sabiex tanalizza x-xogħol lura importanti ta' fajls ta' rkupru fil-qasam ta' l-EAGGF – Taqsima ta' Garanzija. It-TFR trid tipprepara deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltà finanzjarja fil-qafas tal-proċedura formali ta' verifika tal-kontijiet għall-ammonti li m'humiex irkuprati wara irregolarità rrapportata lill-Kummissjoni qabel l-1999 fil-qasam inkwistjoni.

Fuq il-bażi tal-verifiki li saru fuq il-post mit-TFR fl-2004, ġew stabbiliti proposti dwar ir-responsabbiltà finanzjarja għal ammont total li ma ġiex irkuprat ta' madwar 765 miljun euro li jikkorrispondu għal 431 każ ta' irregolaritajiet (kull wieħed jaqbeż il-500 000 euro). Dawn il-proposti ġew eżaminati bir-reqqa mill-Istati Membri kkonċernati kollha fl-2005 waqt laqgħat bilaterali formali f'konformità mal-qafas ġuridiku fis-seħħ. Il-konformità tagħhom ma' l-obbligi formali ta' l-Istati Membri fil-qasam ta' rkupru ġie evalwat notevolment.

92 Ara r-referenza fil-punt 1.1.

Fl-2005, it-TFR ivverifikat ukoll 32 każ li kull wieħed jilħaq ammont ta' aktar minn 500 000 € li ma kienux ivverifikati qabel. Għal dawn il-każijiet, id-dokumenti uffiċjali dwar ir-responsabbiltà finanzjarja ntbagħtu lill-Istati kkonċernati, bil-proposti tal-Kummissjoni dwar l-emendi finanzjarji li jridu jsiru, għal somma totali ta' madwar 92 miljun €.

Għal 3227 każ b'ammont inqas minn 500 000 € kull wieħed irrapportat qabel l-1999, tnediet fl-2005 verifika dokumentata bl-użu tas-sistema "SAGE" (sistema awtomatizzata ta' tmexxija u ta' valutazzjoni). Għal dawn il-każijiet, il-proċedura formali ta' verifika tal-kontijiet se ssir skond il-mekkaniżmu introdott mir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1290/2005[93] , applikabbli mis-16 ta' Ottubru 2006. Din it-tabella li ġejja tagħti ħarsa lejn il-ħidma mwettqa mit-TFR u l-ammonti kkonċernati.

Ħarsa lejn l-ammonti li ma kienux irkuprati wara irregolaritajiet (EAGGF – Taqsima ta' Garanzija) irrapportati mill-Istati Membri skond ir-Regolament (KE) 595/91						
	Total		**Każ > 500 000 €**		**Każ < 500 000 €**	
	Każ	Ammont (f'miljuni ta' euros)	Każ	Ammont (f'miljuni ta' euros)	Każ	Ammont (f'miljuni ta' euros)
Sitwazzjoni inizjali fl-aħħar ta' l-2002. Każijiet ta' nuqqas ta' rkupru rrapportati qabel l-1999 billi kienu soġġetti għal verifiki tat-*Task Force* għall-Irkupru	4 228	1 212	419	1 035	3 809	177
Sitwazzjoni fl-aħħar ta' l-2004 wara l-verifiki tat-TFR	3 690	1 059	463	857	3 227	202

Għall-463 każ kollha ta' aktar minn 500 000 € kull wieħed, il-verifiki ntemmu matul is-sena 2005. Dawn il-każijiet jikkorrispondu għal ammont totali li ma kienx irkuprat ta' madwar 857 miljun euro.

93 Ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2005 relatat mal-finanzjament tal-politika agrikola komuni, ĠU L/209 tal-11.8.2005. Ara l-punt 4.3.

Progress miksub fl-2005		
	Każ	**Ammont (f'miljuni ta' euros)**
A. Verifiki u laqgħat bilaterali ma' l-Istati Membri magħmula fil-qafas tal-proċedura ta' verifika tal-kontijiet (kull każ jaqbeż il-500 000 euro).	431	765
B. Tmiem tal-verifika, iżda għadha mhix diskussa ma' l-Istati Membri fil-qafas tal-proċedura ta' verifika tal-kontijiet (kull każ jaqbeż il-500 000 euro).	32	92
C. Każijiet ta' inqas minn 500 000 euro li għad ma kienux soġġetti għal ebda trattament/verifika mit-TFR u li għalihom il-proċedura ta' verifika tal-kontijiet għadha ma nbiedtx	3 227	202

Fl-2006, deċiżjoni formali tal-Kummissjoni se tkun adottata fil-qafas tal-proċedura ta' verifika tal-kontijiet (EAGGF – Taqsima ta' Garanzija) għall-maġġoranza tal-każijiet li jaqbżu l-500 000 euro.

4.4. Ir-riforma tas-sistema ta' kontroll finanzjarju ta' irregolaritajiet fil-qasam tal-politika agrikola

Fl-2005, il-Kunsill iddeċieda, permezz tar-Regolament 1290/2005 tiegħu[94], dwar il-finanzjament futur tal-politika agrikola komuni bil-ħolqien ta' żewġ fondi agrikoli Ewropej distinti, jiġifieri l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (EAGGF) għall-finanzjament, fost oħrajn, tal-miżuri ta' suq u ta' pagamenti diretti, u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD).

Dan ir-Regolament ġdid, notevolment l-Artikoli 32 u 33 tiegħu, jirriforma s-sistema kollha ta' kontroll finanzjarju ta' l-irregolaritajiet li jolqtu dawn iż-żewġ fondi ġodda (EAGGF u EAFRD) u jissemplifika għall-ġejjieni l-proċedura tal-kontroll ta' l-irkupru. Dawn l-Artikoli jispeċifikaw li l-konsegwenzi finanzjarji se jintrefgħu sa 50% mill-Istat Membru kkonċernat u sa 50% mill-baġit Komunitarju meta l-irkupru ma jsirx fi żmien erba' snin wara d-data ta' l-ewwel att ta' dikjarazzjoni amministrattiva jew ġudizzjarja jew fi żmien tmien snin, jekk l-irkupru huwa suġġett ta' azzjoni quddiem il-ġurisdizzjonijiet nazzjonali (għall-EAGGF u l-EAFRD) jew qabel l-għeluq ta' programm ta' żvilupp rurali (għall-EAFRD).

94 Ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2005 relatat mal-finanzjament tal-politika agrikola komuni, ĠU Nru L 209 tal-11.08.2005.

5. IL-PROĊEDURI TA' ĊERTIFIKAZZJONI TAL-KONTIJIET

5.1. *Roadmap* għal dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni pożittiva

Għalkemm hija rrikonoxxiet il-progress miksub mill-Kummissjoni u l-Istati Membri fit-titjib tas-sistemi ta' kontroll tal-baġit, il-Qorti ta' l-Awdituri, għall-ħdax-il sena konsekuttiva, tat dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni waħda biss parzjalment favorevoli għall-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet taħt il-baġit Komunitarju. Il-problema prinċipali, skond ir-rapport tal-Qorti, tinsab fil-livell tal-fondi li t-tmexxija tagħhom hija maqsuma bejn l-Istati Membri. Fl-Opinjoni Nru 2/2004[95] tagħha, il-Qorti ta' l-Awdituri tissuġġerixxi li jiġi żviluppat qafas ta' kontroll intern Komunitarju, ibbażat fuq normi u prinċipji komuni, li jkun jista' jipprovdi l-assigurazzjoni raġonevoli li d-dħul jinġabar u l-infiq eżegwit f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali li hemm fis-seħħ, dan kollu waqt li jkun ikkunsidrat il-bilanċ bejn in-nefqa u l-vantaġġi tal-kontroll intern. Il-kisba ta' dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni pożittiva tidher fost l-għanijiet strateġiċi tal-Kummissjoni Barroso[96]. F'din il-perspettiva, fuq l-opinjoni tal-Qorti, il-Kummissjoni adottat, f'Ġunju 2005, *roadmap*[97] li tesponi ċertu numru ta' suġġerimenti favur qafas ta' kontroll integrat Komunitarju. F'dan id-dokument, il-Kummissjoni tirreferi għall-proposta li l-Parlament Ewropew ifformula waqt il-kwittanza tiegħu ta' l-2003, li permezz tagħha ssuġġerixxa dispożizzjoni ta' "pubblikazzjoni *ex ante* f'dikjarazzjoni formali, u dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni annwali *ex post* li tikkonċerna l-legalità u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet li jaqgħu taħtha min-naħa ta' l-awtorità politika u mexxejja superjuri ta' kull Stat Membru (Ministeru tal-Finanzi). Din ir-*roadmap* kellha magħha "valutazzjoni tan-nuqqasijiet bejn il-qafas ta' kontroll intern fi ħdan id-dipartimenti tal-Kummissjoni u l-prinċipji fil-qasam ta' kontroll esposti fl-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti ta' l-Awdituri"[98] (valutazzjoni tan-nuqqasijiet).

Fuq il-bażi ta' dawn id-dokumenti tal-Kummissjoni u d-diskussjonijiet ta' grupp ta' esperti li ġejjin mill-amministrazzjonijiet nazzjonali ta' l-Istati Membri, il-Kunsill ta' l-ECOFIN adotta fit-8 ta' Novembru 2005 konklużjonijiet li fihom huwa jaħseb li "d-dikjarazzjonijiet eżistenti fuq l-iskala operazzjonali jistgħu jikkostitwixxu mezz ta' assigurazzjoni importanti għall-Kummissjoni u, fl-analiżi finali, għall-Qorti ta' l-Awdituri u li dawn għandhom ikunu utli u jippreżentaw rapport ta' spiża/effikaċja sodisfaċenti u għandhom ikunu kkunsidrati mill-Kummissjoni u, fl-analiżi finali, mill-Qorti ta' l-Awdituri bil-ħsieb li jwasslu għal dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni pożittiva". Il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tipprovdi evalwazzjoni tal-kontrolli u tal-valur tad-dikjarazzjonijiet li diġà jeżistu.

---

95 L-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej dwar il-mudell ta' kontroll uniku (*single audit*), u l-proposta relatata ma' qafas ta' kontroll intern Komunitarju, ĠU C107 tat-30.4.2004.

96 L-għanijiet strateġiċi 2005-2009, COM(2005) 12 tas-26.1.2005.

97 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Qorti ta' l-Awdituri dwar *roadmap* għal qafas ta' kontroll intern integrat, COM (2005) 252.

98 Dokument ta' ħidma tad-dipartimenti tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tan-nuqqasijiet bejn il-qafas ta' kontroll intern fi ħdan id-dipartimenti tal-Kummissjoni u l-prinċipji fil-qasam ta' kontroll esposti fl-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti ta' l-Awdituri "Proposta relatata ma' qafas ta' kontroll intern Komunitarju", SEC(2005) 1152.

Filwaqt li kkunsidrat il-konklużjonijiet tal-Kunsill, il-Kummissjoni adottat f'Jannar 2006 il-pjan ta' azzjoni tagħha għal qafas ta' kontroll integrat[99] li fih hija taħseb li huwa importanti li l-Istati Membri "jiżguraw li t-tmexxija tagħhom ta' approprjazzjonijiet f'isem il-Kummissjoni tnaqqas ir-riskju ta' nfiq irregolari għal livell aċċettabbli u li huma jistgħu juru dan lill-awdituri nazzjonali u Komunitarji". Billi, għal 80% tal-fondi Komunitarji, it-tmexxija hija maqsuma bejn l-Istati Membri, saret enfasi fuq l-issemplifikar tal-leġiżlazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, dwar l-armonizzazzjoni ta' prinċipji u normi ta' kontroll applikati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri, waqt li jaqsmu r-riżultati tal-kontroll u jpoġġu l-profitt fuq quddiem, u dwar l-użu tad-dikjarazzjonijiet eżistenti dwar it-tmexxija ta' l-organi operazzjonali fuq il-livell ta' l-Istati Membri, li jikkostitwixxu element ta' assigurazzjoni importanti għall-Kummissjoni u, fl-analiżi finali, għall-Qorti ta' l-Awdituri wkoll.

5.2. Iċ-ċertifikazzjoni ta' tmexxija tajba ta' l-infiq pubbliku fl-Istati Membri

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jaħsbu li għandhom interess komuni biex jiġbru informazzjoni dwar is-sistemi ta' ċertifikazzjoni ta' tmexxija tajba ta' l-infiq pubbliku eżistenti fl-Istati Membri biex jippruvaw joħorġu minnhom l-aħjar prassi. Barra minn hekk, dan l-eżerċizzju jista' jservi biex tiġi eżaminata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni ekwivalenti adottat mill-Artikolu 280 tat-Trattat.

Ir-risposti għall-kwestjonarju li kien indirizzat lill-Istati Membri taw stampa tal-prassi nazzjonali eżistenti f'dan il-qasam, ippreżentati hawn taħt bħala tabella.

Din it-tabella tirrappreżenta semplifikazzjoni tar-risposti pprovduti mill-Istati Membri. Sinteżi aktar spjegata li tinkludi d-dettalji tar-risposti tista' tiġi kkonsultata fid-dokument ta' ħidma tad-dipartimenti tal-Kummissjoni ppubblikat fl-istess żmien ta' dan ir-rapport.

	Ċertifikazzjoni tal-kontijiet nazzjonali minn awtorità interna[100]	**Ċertifikazzjoni tal-kontijiet nazzjonali minn awtorità esterna[101]**
BE	Le.	Le[102].
CZ	Iva	Le[103]

99 Pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat: analiżi tan-nuqqasijiet u pjan ta' azzjoni għad-dipartimenti tal-Kummissjoni, SEC(2006) 9.

100 Awtorità interna: persuna, dipartiment jew servizz li huwa dipendenti mill-amministrazzjoni mid-dipartiment ta' tmexxija jew/u tal-pagament tal-baġit li jrid jiġi ċċertifikat.

101 Awtorità esterna: persuna, dipartiment jew servizz li huwa indipendenti mill-amministrazzjoni mid-dipartiment ta' tmexxija jew/u tal-pagament tal-baġit li jrid jiġi ċċertifikat. Ir-rapporti annwali adottati minn dawn l-awtoritajiet esterni u sottomessi lill-parlament nazzjonali huma kkunsidrati bħala sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-kontijiet.

102 Iċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet minn awtorità esterna teżisti madankollu għall-baġit ta' ċerti reġjuni.

103 M'hemm l-ebda obbligu ta' ċertifikazzjoni iżda l-istituzzjoni superjuri ta' kontroll tar-Repubblika Ċeka tissottometti lill-Parlament l-opinjoni tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u dwar l-istat finali tal-kontijiet. Sadanittant, dawn l-opinjonijiet m'għandhomx l-istess status ta' verifika.

DK	Iva	Iva.
DE	Le	Iva.
EE	Iva.	Iva.
EL	Le	Le
ES	Le	Le[104]
FR	Le	Iva.
IE	Iva.	Iva.
IT	Le	Iva
CY	.Le	Iva.
LV	Iva.	Iva.
LT	Iva	Iva.
LU	Iva	Iva.
HU	Iva.	Iva.
MT	Le	Iva
NL	Iva	Iva.
AT	Le	Le[105]
PL	Le	Iva.
PT	Le	Iva
SL	Le	Iva.
SK	Iva	Iva.
FI	Iva.	Iva.
SE	Le.	Iva.

104 M'hemm l-ebda obbligu ta' ċertifikazzjoni, iżda l-Qorti ta' l-Awdituri tintaxxa l-kontijiet ġenerali ta' l-Istat u l-kontijiet l-oħra tas-settur pubbliku, kif ukoll it-tmexxija ekonomika tas-settur pubbliku, mill-perspettiva tal-legalità u tar-razzjonalità (effiċjenza u ekonomija)

105 Anke jekk ma hemm l-ebda obbligu li tingħata ċertifikazzjoni dwar il-kredibbiltà tal-kontijiet federali u tal-Länder mill-Qorti ta' l-Awdituri Awstrijaka, din tivverifika li l-użu tal-fondi pubbliċi jirrispetta l-prinċipji ta' kredibbiltà, legalità, regolarità, ekonomija, effiċjenza u effikaċja.

UK	Iva	Iva.

Ċertifikazzjoni minn awtorità interna.

Madwar nofs l-Istati Membri li wieġbu għall-kwestjonarju jiddisponu minn proċedura ta' ċertifikazzjoni minn awtorità interna biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità ta' l-infiq pubbliku[106]. Fost dawn, il-Latvja biss tiddikjara b'mod espliċitu li din iċ-ċertifikazzjoni tikkonċerna wkoll il-fondi allokati mill-Komunità Ewropea li huma mmexxija mill-amministrazzjoni nazzjonali. Sadanittant, ta' min juri li, ta' sikwit, din iċ-ċertifikazzjoni tkun ippreżentata mill-amministrazzjoni u mhux minn awditur intern proprju[107]. F'parti sinifikanti tal-każijiet, l-awtoritajiet inkarigati biex jippreżentaw iċ-ċertifikazzjoni jagħtu wkoll l-opinjoni tagħhom dwar l-ammont ta' fondi li x'aktarx jiġu rkuprati mill-organizzazzjonijiet li jħallsu[108]. Iċ-ċertifikazzjoni minn awtorità interna kultant tkun ippreżentata fuq livell nazzjonali[109] ; f'każijiet oħra, din issir mid-dipartiment jew l-aġenzija ta' tmexxija[110]. Ta' min jinnota l-każijiet partikolari tar-Renju Unit u tas-Slovakkja, fejn jeżistu diversi livelli ta' ċertifikazzjoni (nazzjonali, reġjonali u skond il-fond). Dawn iċ-ċertifikazzjonijiet maħruġa minn awtorità interna jkunu sottomessi lill-parlamenti nazzjonali f'ċerti każijiet biss[111].

Xi Stati Membri[112] jiddisponu minn sistema ta' verifika interna biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tal-kontijiet nazzjonali anke jekk m'hemm l-ebda obbligu legali ta' ċertifikazzjoni minn awtorità interna. Fost dawn, tnejn minnhom indikaw li dawn il-verifiki jikkonċernaw il-fondi Komunitarji[113].

Skond ir-risposti li taw l-Istati Membri li għandhom sistema ta' kontroll u ta' verifika interna, l-INTOSAI tidher li hija n-norma l-aktar mifruxa.

Ċertifikazzjoni minn awtorità esterna.

Il-maġġoranza l-kbira ta' l-Istati Membri ddikjaraw li għandhom obbligu legali li jiksbu minn awtorità esterna ċertifikazzjoni annwali li tiżgura l-legalità u r-regolarità ta' l-infiq pubbliku, fejn l-uniċi eċċezzjonijiet huma l-Italja u l-Awstrija. Madankollu ta' min jinnota l-każijiet partikolari tal-Greċja, ta' Spanja u ta' l-Italja, fejn il-Qorti ta' l-Awdituri nazzjonali tippreżenta rapport annwali aktar milli ċertifikazzjoni.

Fil-parti l-kbira tal-każijiet, din l-awtorità esterna hija organizzazzjoni ta' liġi pubblika li hija l-ogħla awtorità ta' verifika ta' l-Istat. Iċ-ċertifikazzjonijiet jingħataw fuq livell nazzjonali fil-parti l-kbira tal-pajjiżi[114]. Huma jkopru l-baġit kollu[115] u, fil-

106 Id-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Olanda, is-Slovakkja, il-Finlandja u r-Renju Unit.

107 Fl-Estonja, fl-Olanda u fis-Slovakkja biss iċ-ċertifikazzjoni tingħata minn awditur intern.

108 Id-Danimarka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, is-Slovakkja u r-Renju Unit.

109 Ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija u l-Olanda.

110 L-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja u l-Finlandja.

111 Ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, is-Slovakkja u r-Renju Unit

112 Franza, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, Malta, il-Greċja u l-Portugall.

113 Il-Litwanja, il-Greċja u Malta.

114 L-uniċi eċċezzjonijiet huma l-Belġju, (livell federali u livell reġjonali), il-Ġermanja (ċertifikazzjonijiet fuq livell federali u fuq il-livell tal-Land), il-Finalndja (ċertifikazzjonijiet fuq livell ta' kont pubbliku) u r-Renju Unit (ċertifikazzjonijiet fuq livell nazzjonali u fuq il-livell tal-proġett).

każijiet kollha, jippreżentawhom lill-parlamenti nazzjonali, notevolment biex jiċċertifikaw il-legalità u l-effiċjenza tat-tmexxija tal-kontijiet nazzjonali. Huwa biss f'xi Stati li huma jagħtu opinjoni dwar l-ammont ta' fondi li x'aktarx jiġu rkuprati[116].

Kontroll tal-fondi Komunitarji (fondi bi tmexxija maqsuma)

Fir-risposti tagħhom għall-kwestjonarju, l-Istati Membri indikaw li aktar min-nofs l-organizzazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni nazzjonali speċifikati mill-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 1663/95 għall-EAGGF – Taqsima Ta' Garanzija jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa biex ikunu rikonoxxuti mill-awtoritajiet nazzjonali bħala organizzazzjonijiet li jistgħu joħorġu ċertifikazzjonijiet tal-kontijiet nazzjonali[117]. Fil-każijiet fejn ma jissodisfawx dawn il-kundizzjonijiet, l-Istati Membri jispjegaw dan bin-nuqqas ta' bażi legali u bil-fatt li dawn l-organizzazzjonijiet inħolqu bl-għan speċifiku tat-tmexxija u tal-kontroll tal-fondi Komunitarji. Fil-każijiet kollha, bl-eċċezzjoni ta' l-Estonja, ta' l-Olanda u ta' l-Isvezja, dawn l-entitajiet jagħtu wkoll l-opinjoni tagħhom dwar l-ammonti li x'aktarx jiġu rkuprati mill-aġenziji ta' pagament.

Fil-qasam tal-Fondi Strutturali, proporzjon żgħir biss tad-dipartimenti nazzjonali responsabbli mill-ħruġ taċertifikat ta' validità fl-għeluq ta' programm speċifikat mill-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) 1260/1999 u ta' l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) 438/2001[118] huwa kompetenti wkoll għaċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet nazzjonali[119].

Il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri[120] indikaw li l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni jagħtu opinjoni dwar l-ammonti li x'aktarx jiġu rkuprati.

Konklużjonijiet

Il-parti l-kbira tar-regoli nazzjonali jispeċifikaw l-obbligu li tinkiseb ċertifikazzjoni dwar il-kontijiet nazzjonali minn awtorità esterna indipendenti. Din kważi dejjem tkun l-Istituzzjoni Superjuri ta' Verifika (SAI) nazzjonali. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-verifiki ta' l-SAI jkopru l-baġit kollu u r-rapporti jew ċertifikazzjonijiet tal-kontijiet ikunu sottomessi lill-parlamenti nazzjonali.

L-obbligu li tinkiseb ċertifikazzjoni maħruġa minn awtorità interna m'hijiex daqshekk mifruxa. Hemm biss xi għaxar Stati li jispeċifikawh. Is-sitwazzjoni għalhekk hija aktar imħallta milli għaċ-ċertifikazzjonijiet minn awtorità esterna. F'xi każijiet, iċ-ċertifikazzjoni ma tinħariġx minn awditur iżda fuq il-livell tad-dipartiment responsabbli tat-tmexxija.

---

115 Ta' min jinnota l-każ tal-Polonja, fejn iċ-ċertifikazzjoni maħruġa minn awtorità esterna hija limitata għall-infiq agrikolu.

116 Ċipru, l-Estonja, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Latvja, il-Lussemburgu, is-Slovakkja u r-Renju Unit.

117 Ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, Franza, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, xi Länder fl-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u r-Renju Unit.

118 Barra miċ-ċertifikat fl-għeluq ta' programm maħruġ minn persuna jew organizzazzjoni indipendenti, l-awtorità ta' pagament tiċċertifika d-dikjarazzjonijiet kollha ta' infiq ippreżentati lill-Kummissjoni ħafna drabi kull sena.

119 L-Italja, (għall-parti ta' kofinanzjament nazzjonali), il-Litwanja, l-Olanda u s-Slovakkja.

120 Id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Awstrija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u r-Renju Unit.

Il-Kummissjoni taħseb li dawn id-dokumenti, fil-każijiet fejn ikopru wkoll il-fondi Komunitarji, jistgħu jikkostitwixxu element addizzjonali ta' assigurazzjoni li juri l-użu tajjeb tal-fondi Ewropej. Il-Qorti ta' l-Awdituri għalhekk tista' tipprevedi l-possibbiltà li tikkunsidrahom biex tiggarantixxi l-legalità u r-regolarità tal-kontijiet tal-baġit Ewropew.